REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/1590

tas-26 ta' Settembru 2019

li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/159 li jimponi miżuri definittivi ta' salvagwardja kontra l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-azzar

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2015/478 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2015 dwar ir-regoli komuni għall-importazzjonijiet ([1]), u b'mod partikolari l-Artikoli 16 u 20 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2015/755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2015 dwar regoli komuni għall-importazzjonijiet minn ċerti pajjiżi terzi ([2]), u b'mod partikolari l-Artikoli 13 u 16 tiegħu,

Billi:

1. SFOND

(1) Permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/159, il-Kummissjoni Ewropea ("il-Kummissjoni") imponiet miżuri definittivi ta' salvagwardja fuq ċerti prodotti tal-azzar ("ir-Regolament definittiv") ([3]). Il-miżuri imposti minn dak ir-regolament jikkonsistu fi kwota tariffarja ("TRQ") fir-rigward ta' 26 kategorija ta' prodotti tal-azzar, stabbilita f'livell għoli biżżejjed biex tippreserva l-flussi kummerċjali tradizzjonali. Dazju tariffarju ta' 25 % japplika biss lil hinn minn dak il-livell kwantitattiv stabbilit ta' flussi kummerċjali tradizzjonali fuq bażi ta' kull kategorija ta' prodotti.

(2) Il-premessa (161) u l-Artikolu 9 tar-Regolament definittiv innutaw li, abbażi tal-interess tal-Unjoni, il-Kummissjoni "jista' jkollha taġġusta l-livell jew l-allokazzjoni tal-kwota tariffarja.. . f'każ ta' bidliet fiċ-ċirkostanzi matul il-perjodu tal-impożizzjoni tal-miżuri" u li tali rieżami għandu jibda "mhux aktar tard mill-1 ta' Lulju 2019".

(3) Fid-dawl ta' dik il-kunsiderazzjoni, fis-17 ta' Mejju 2019 ([4]), il-Kummissjoni bdiet rieżami tar-Regolament definittiv u stiednet lill-partijiet biex iressqu l-fehmiet tagħhom, jissottomettu informazzjoni, u jipprovdu evidenza ta' sostenn dwar il-ħames raġunijiet għar-rieżami identifikati mill-Kummissjoni għas-26 kategorija ta' prodotti kkonċernati fin-Notifika ta' Bidu tal-Investigazzjoni ta' Rieżami. Skont it-Taqsima 3 tagħha, dawn ir-raġunijiet kienu jikkonċernaw:

(a) Il-livell u l-allokazzjoni tat-TRQs għal għadd ta' kategoriji speċifiċi ta' prodotti;

(b) L-esklużjoni ta' flussi kummerċjali tradizzjonali;

(c) L-effetti detrimentali potenzjali fil-kisba tal-objettivi ta' integrazzjoni mas-sħab kummerċjali preferenzjali;

(d) L-aġġornament tal-lista ta' pajjiżi membri tad-WTO li qed jiżviluppaw eskluži mill-kamp ta' applikazzjoni tal-miżuri abbażi tal-istatistika aġġornata dwar l-importazzjoni; u

(e) Bidliet oħra fiċ-ċirkostanzi li jistgħu jirrikjedu aġġustament fil-livell ta' allokazzjoni tat-TRQ.

(4) Il-Kummissjoni rċeviet sottomissjonijiet mingħand aktar minn 150 parti differenti. Il-partijiet interessati kienu permessi wkoll jagħmlu kummenti fuq u jifformulaw konfutazzjonijiet għas-sottomissjonijiet ta' xulxin. B'riżultat ta' dan, il-Kummissjoni rċeviet 'il fuq minn 50 sottomissjoni ta' konfutazzjoni addizzjonali.

(5) Wara analiżi fil-fond tas-sottomissjonijiet kollha li rċeviet, il-Kummissjoni waslet għas-sejbiet li ġejjin. Dawn huma organizzati fit-Taqsima 2 hawn taħt f'ħames sottosezzjonijiet differenti li jikkorrispondu għall-ħames raġunijiet tar-rieżami identifikati fil-premessa (3) hawn fuq.

([1]) ĠU L 83, 27.3.2015, p. 16.
([2]) ĠU L 123, 19.5.2015, p. 33.
([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/159 tal-31 ta' Jannar 2019 li jimponi miżuri definittivi ta' salvagwardja kontra l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-azzar (ĠU L 31, 1.2.2019, p. 27.)
([4]) In-Notifika ta' Bidu dwar ir-rieżami tal-miżuri ta' salvagwardja applikabbli għall-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-azzar (C/2019/3623) ĠU C 169, 17.5.2019, p. 9 (minn hawn 'il quddiem "in-Notifika ta' Bidu tal-Investigazzjoni ta' Rieżami").

2. RIŻULTATI TAL-INVESTIGAZZJONI

2.A. Il-livell u l-allokazzjoni tat-TRQs għal għadd ta' kategoriji speċifiċi ta' prodotti

(6) Kif diġà tħabbar fil-premessa (161) tar-Regolament definittiv, ir-rieżami tal-miżuri eżistenti, min-naħa tal-Kummissjoni, kien jikkonċerna kwalunkwe kategorija ta' prodotti soġġetta għal miżuri, inklużi (iżda mhux limitati għal) il-kategoriji ta' prodotti 3, 4, 6 u 16. Għal dawk il-kategoriji speċifiċi ta' prodotti, il-Kummissjoni kienet irċeviet għadd konsiderevoli ta' kummenti matul l-investigazzjoni li wasslet għall-adozzjoni tal-miżuri definittivi ta' salvagwardja. Dawk il-kategoriji ta' prodotti kienu l-oġġetti wkoll ta' diversi skambji fil-kuntest ta' konsultazzjonijiet bilaterali mas-sħab kummerċjali tal-Unjoni.

(7) Minkejja dan, is-26 kategorija kollha ta' prodotti kienu suġġetti għal monitoraġġ ta' kuljum mill-Kummissjoni.

(8) Fin-Notifika ta' Bidu tal-Investigazzjoni ta' Rieżami, il-Kummissjoni ħabbret li kienet se tinvestiga jekk kienx hemm ċirkostanzi li nbidlu minn mindu ġew adottati l-miżuri definittivi, inkluż jekk kienx hemm evidenza ta' żieda jew tnaqqis sostanzjali fid-domanda tal-Unjoni jew l-impożizzjoni ta' miżuri għad-difiża tal-kummerċ fuq ċerti kategoriji ta' prodotti. Dawn il-każijiet jagħmluha neċessarja li jiġi aġġustat il-livell jew l-allokazzjoni tat-TRQ fis-seħħ.

(9) Biex tidentifika bidliet sostanzjali fid-domanda, il-Kummissjoni spjegat li kienet qed teżamina l-evoluzzjoni tal-użu tat-TRQ ikkonċernata biex tara jekk il-kwoti kinux ġew eżawriti jew jekk l-użu tagħhom ma kienx jirrifletti flussi kummerċjali tradizzjonali.

(10) Fil-punt tal-bidu tal-investigazzjoni ta' rieżami, il-Kummissjoni sabet tali mudelli abnormali potenzjali tal-kummerċ fil-kategoriji tal-prodotti 4B, 5, 13, 15, 16, 17, u 25. Għal dawk il-kategoriji, jew ċerti kwoti annwali speċifiċi għall-pajjiż jew il-kwota residwa korrispondenti, li ġiet ikkalkulata li se ddum sal-aħħar ta' Ġunju 2019, diġà kienu ġew eżawriti jew dalwaqt kienu se jiġu eżawriti fi żmien xahrejn biss mill-impożizzjoni tal-miżuri definittivi ta' salvagwardja.

(11) Għall-finijiet tar-rieżami tagħha, il-Kummissjoni analizzat fid-dettall l-iżvilupp tas-26 kategorija ta' prodotti, mhux biss abbażi tal-monitoraġġ tagħha ta' kuljum, iżda b'mod aktar speċifiku wkoll għall-iżvilupp tagħhom matul il-perjodu mit-2 ta' Frar 2019 sal-aħħar ta' Ġunju 2019. Permezz ta' dik l-analiżi, il-Kummissjoni fittxet li tiddetermina jekk kwalunkwe mudell possibbli ta' użu anormali joriġinax minn żieda sostanzjali ġenwina tad-domanda tal-Unjoni, jew jekk dawk il-mudelli ta' użu tat-TRQs humiex ir-riżultat ta' attivitajiet spekulattivi ta' ħażniet, jew, fil-fatt, ta' devjazzjoni tal-kummerċ ikkawżata minn miżuri kummerċjali distortivi meħudin barra l-pajjiż.

Kummenti magħmula mill-partijiet interessati

(12) Fis-sottomissjonijiet tagħhom, bosta partijiet interessati talbu żieda fil-livell tat-TRQ jew sistema differenti għall-allokazzjoni jew l-użu tal-kwoti għall-kategoriji tal-prodotti li jimportaw. Huma biss ftit il-partijiet interessati li ppreżentaw evidenza sinifikattiva li ssostni l-konklużjoni ta' żbilanċ potenzjali bejn il-limiti kwantitattivi disponibbli stabbiliti mit-TRQ u d-domanda eżistenti (jew li qed tiżviluppa) tal-UE jew ċirkostanzi mibdula oħra. Il-maġġoranza ta' dawn il-kummenti kienu jiffukaw fuq il-kategoriji ta' prodotti li ġejjin li se jiġu diskussi individwalment f'din it-taqsima: il-kategorija 1 (folji u strixxi llaminati bis-sħana), il-kategorija 4B (folji miksija metalliċi għal użu awtomobilistiku), il-kategorija 16 (virga tal-wajer) u l-kategorija 25 (tubi kbar iwweldjati).

(13) Għall-kategoriji l-oħra ta' prodotti msemmija jew fil-klawsola ta' rieżami jew fin-Notifika ta' Bidu tal-Investigazzjoni ta' Rieżami (jiġifieri, il-kategoriji ta' prodotti 3 (folji elettriċi), 5 (folji miksija organiċi), 6 (prodotti stanjati), 13 (vireg tar-rinforz), 15 (virga tal-wajer stainless) u 17 (angoli, forom u qatgħat)), il-kummenti li waslu kienu limitati. L-ebda sottomissjoni ma pprovdiet evidenza li tindika problemi ta' nuqqas fl-offerta (jiġifieri limiti kwantitattivi baxxi stabbiliti mit-TRQ ikkonċernata) ikkawżati minn domanda akbar, jew kwalunkwe ċirkostanza oħra mibdula. Madankollu, bosta sottomissjonijiet allegaw problemi ta' esklużjoni fir-rigward tal-kategorija ta' prodotti 13 li se jiġu analizzati individwalment ukoll f'din it-taqsima taħt is-sottotaqsima 2.B hawn taħt.

Analiżi tal-Kummissjoni

(14) Fi tmiem l-ewwel perjodu annwali ta' miżuri fit-30 ta' Ġunju 2019, għal 24 mis-26 kategorija ta' prodotti, il-volumi reali ta' importazzjoni baqgħu taħt il-livell kwantitattiv rispettiv tagħhom stabbilit mit-TRQ, jew minn TRQ waħda jew aktar speċifika għall-pajjiż u/jew mit-TRQ globali. Fi kliem ieħor, huwa biss għal żewġ kategoriji ta' prodotti, jiġifieri l-kategorija 13 (vireg tar-rinforz) u l-kategorija 14 (vireg tal-azzar inossidabbli) li l-kwoti totali (speċifiċi għall-pajjiż u residwi) disponibbli skont il-miżuri ġew eżawriti kompletament qrib l-aħħar ta' Ġunju 2019.

(15) B'mod ġenerali, 1,3 miljun tunnellata tat-TRQ disponibbli għall-perjodu mit-2 ta' Frar sat-30 ta' Ġunju 2019 baqgħu ma ntużawx. Barra minn hekk, il-Kummissjoni kkonfermat li matul il-perjodu li fih kienu fis-seħħ il-miżuri provviżorji (it-18 ta' Lulju 2018 - l-1 ta' Frar 2019), baqgħu ma ntużawx madwar żewġ miljun tunnellata ta' spazju tal-kwota. Għalhekk, matul l-ewwel sena ta' applikazzjoni tal-miżuri ta' salvagwardja, ma ntużawx aktar minn 3,2 miljun tunnellata ta' importazzjonijiet ħielsa mid-dazju.

(16) Fuq dik il-bażi, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-livelli tat-TRQ stabbiliti skont il-miżuri ta' salvagwardja li kienu għaddejjin ma rrestrinġewx b'mod eċċessiv il-flussi tal-kummerċ iżda pjuttost żguraw li l-flussi kummerċjali tradizzjonali nżammu b'mod proporzjonali mal-ħtiġijiet tas-suq tal-Unjoni. Il-partijiet interessati ma pprovdew ebda evidenza ta' allegat nuqqas ta' offerta kkawżat miż-żieda fid-domanda.

Valutazzjoni speċifika: Kategorija 1 – Prodotti ċatti b'laminazzjoni termali

(17) Għall-kategoriji kollha ta' prodotti soġġetti għal miżuri definittivi ta' salvagwardja ħlief għall-kategorija 1, is-sistema tat-TRQ adottata mill-Kummissjoni kienet taħlita ta' TRQs speċifiċi għall-pajjiż u residwi. B'dan il-mod, il-Kummissjoni kellha l-għan li tippreserva l-volumi tradizzjonali tal-kummerċ mhux biss fil-volum iżda wkoll f'termini ta' oriġini.

(18) Madankollu, il-Kummissjoni qieset li din is-sistema ppreferuta ta' TRQ ma kinitx xierqa għall-kategorija ta' prodotti 1 minħabba ċ-ċirkostanzi partikolari li ġejjin. Fil-fatt, ħamsa mill-pajjiżi esportaturi storiċi ewlenin ([5]), li kienu jirrappreżentaw kważi 60 % tal-importazzjonijiet fil-perjodu 2015-2017, kienu saru soġġetti għal miżuri anti-dumping u/jew kumpensatorji matul l-istess perjodu ([6]). Dan affettwa b'mod sinifikanti l-livell tal-importazzjonijiet tagħhom.

(19) Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li dawn il-pajjiżi normalment ma jibqgħux f'pożizzjoni li jesportaw lejn l-Unjoni fil-livell storiku tagħhom, jiġifieri abbażi tal-livell medju tal-importazzjonijiet tagħhom fl-Unjoni fl-aħħar tliet snin (2015-2017). Il-Kummissjoni għalhekk iddeċidiet li kien fl-interess tal-Unjoni li tadotta sistema unika ta' TRQs globali, amministrata fuq bażi trimestrali, sabiex jiġi evitat ir-riskju ta' nuqqas li allokazzjoni speċifika għall-pajjiż tista' tiġġenera bla bżonn.

(20) Fil-kummenti tagħhom matul dan ir-rieżami, xi partijiet interessati, inklużi l-industrija tal-Unjoni u diversi pajjiżi esportaturi, talbu lill-Kummissjoni biex timplimenta sistema ta' TRQs speċifiċi għall-pajjiż anki għall-kategorija ta' prodotti 1. Dawn il-partijiet jargumentaw li l-evoluzzjoni attwali tal-importazzjonijiet toħloq żbilanċ fil-flussi tal-importazzjoni għad-detriment ta' ċerti pajjiżi fornituri li min-naħa tiegħu joħloq ċertu tfixkil fis-suq.

(21) B'reazzjoni għal dan, il-Kummissjoni analizzat l-evoluzzjoni fl-importazzjoni tal-kategorija ta' prodott 1 matul l-2018 u l-ewwel nofs tal-2019. Hija osservat li, fir-rigward tar-Russja bħala pajjiż fornitur, minkejja li kienet soġġetta għal miżuri anti-dumping (li rriżultaw fi tnaqqis rilevanti fil-volum tal-importazzjonijiet tagħha fl-2017), l-esportazzjonijiet tagħha matul il-perjodu bejn Jannar 2018 u Ġunju 2019 irkupraw parti sostanzjali mill-volum ta' kummerċ storiku tagħha. Ir-Russja kienet responsabbli għal 16 % tal-użu tat-TRQ fil-perjodu Frar-Ġunju 2019 ([7]). Barra minn hekk, pajjiżi oħra soġġetti għal miżuri anti-dumping, jiġifieri l-Brażil u l-Ukrajna, komplew jesportaw lejn l-Unjoni, ([8]) għalkemm fi kwantitajiet ferm aktar limitati milli qabel l-impożizzjoni tad-dazji anti-dumping.

([5]) Il-Brażil, iċ-Ċina, l-Iran, ir-Russja, u l-Ukrajna.

([6]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/649 tal-5 ta' April 2017 li jimponi dazju antidumping definittiv fuq importazzjonijiet ta' ċerti prodotti ċatti b'laminazzjoni termali tal-ħadid, azzar mhux illigat jew liga oħra tal-azzar li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina; ĠU L 92, 6.4.2017, p.68; Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/969 tat-8 ta' Ġunju 2017 li jimponi dazji kumpensatorji definittivi fuq importazzjonijiet ta' ċerti prodotti ċatti b'laminazzjoni termali tal-ħadid, azzar mhux illigat jew liga oħra tal-azzar li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/649 li jimponi dazju antidumping definittiv fuq importazzjonijiet ta' ċerti prodotti ċatti b'laminazzjoni termali tal-ħadid, azzar mhux illigat jew liga oħra tal-azzar li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina; ĠU L 146, 9.6.2017, p. 17; Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1795 tal-5 ta' Ottubru 2017 li jimponi dazju antidumping definittiv fuq importazzjonijiet ta' ċerti prodotti ċatti b'laminazzjoni termali tal-ħadid, azzar mhux illigat jew liga oħra tal-azzar li joriġinaw mill-Brażil, l-Iran, ir-Russja u l-Ukrajna u li jtemm l-investigazzjoni fir-rigward ta' importazzjonijiet ta' ċerti prodotti ċatti b'laminazzjoni termali tal-ħadid, azzar mhux illigat jew liga oħra tal-azzar li joriġinaw mis-Serbja; GU L 258, 6.10.2017, p. 24.

([7]) Ir-Russja laħqet 20 % tas-sehem tal-importazzjonijiet fl-2018.

([8]) Is-sehem tat-TRQ kombinat tal-Ukrajna u l-Brażil matul il-perjodu Frar-Ġunju 2019 kien jammonta għal aktar minn 5 %. Barra minn hekk, jekk jittieħed flimkien mar-Russja, is-sehem tat-TRQ ta' dawn it-tliet pajjiżi soġġetti għal miżuri anti-dumping laħaq aktar minn 21 % fil-perjodu minn Frar sa Ġunju 2019 u 25 % tal-importazzjonijiet totali fl-2018.

(22) Fid-dawl tal-evoluzzjoni deskritta hawn fuq tal-importazzjonijiet, b'mod partikolari mir-Russja, li ma setgħetx tiġi prevista meta ġew adottati l-miżuri definittivi ta' salvagwardja, il-Kummissjoni issa sabet li l-livell tal-importazzjonijiet li kienu affettwati b'mod sinifikanti mill-miżuri għad-difiża tal-kummerċ huwa sostanzjalment aktar baxx milli kien mistenni. Barra minn hekk, minħabba r-rata ta' użu konsistentement għolja tat-TRQ fiż-żewġ trimestri soġġetti għall-miżuri definittivi ta' salvagwardja (Frar-Ġunju 2019) minn pajjiżi esportaturi oħra, b'mod partikolari t-Turkija, l-Indja u r-Repubblika tas-Serbja b'ishma rispettivi ta' 40 %, 15 % u 12 %, ir-riskju potenzjali ta' nuqqas ta' provvista li kien antiċipat meta ġew imposti l-miżuri definittivi issa nstab li huwa konsiderevolment aktar baxx.

(23) Għaldaqstant, fid-dawl taċ-ċirkostanzi mibdula msemmija hawn fuq, il-Kummissjoni qieset li jkun fl-interess tal-Unjoni li tiġi emendata l-allokazzjoni tat-TRQ għall-kategorija ta' prodotti 1 u jiġi introdott mekkaniżmu li jiżgura l-preservazzjoni tal-oriġini tal-flussi kummerċjali simili għal dik użata għall-kategoriji ta' prodotti l-oħra kemm jista' jkun possibbli.

(24) Il-Kummissjoni osservat li d-diffikultà biex tiġi introdotta sistema bħal din tinsab fin-natura tal-kategorija ta' prodotti 1. Kif spjegat qabel fil-premessa (19), jekk wieħed joqgħod fuq il-medja storika tal-importazzjonijiet tas-snin 2015-2017 biex jiġu ffissati l-kwoti speċifiċi għall-pajjiż, dan jikkawża nuqqas sostanzjali fl-offerta. Minnaħa l-oħra, l-użu tal-2018 li kienet l-ewwel sena sħiħa b'miżuri anti-dumping u kumpensatorji fis-seħħ, jista' jwassal għal allokazzjoni mhux xierqa. Dan minħabba li l-volumi tal-importazzjonijiet tal-2018 kienu influwenzati wkoll mid-dħul fis-seħħ tal-miżuri ta' salvagwardja (f'Lulju 2018), kif ukoll mill-preżenza ta' volumi ta' importazzjonijiet li jirriżultaw mid-devjazzjoni tal-kummerċ minn pajjiżi terzi li kienet diġà stabbilita fir-Regolament definittiv fir-rigward tal-kategorija 1.

(25) F'dawn iċ-ċirkostanzi, u fin-nuqqas ta' *data* rappreżentattiva xierqa dwar l-importazzjonijiet fuq perjodu twil u affidabbli b'mod suffiċjenti, il-Kummissjoni qieset li l-aktar mod xieraq biex tiġi żgurata l-preservazzjoni tal-flussi kummerċjali tradizzjonali għall-kategorija 1, kemm f'termini ta' volum kif ukoll ta' oriġini, ikun li tiġi stabbilita limitazzjoni għas-sehem fil-kwota globali li kwalunkwe pajjiż esportatur waħdieni jista' jilħaq matul trimestru rispettiv.

(26) Sabiex tiddetermina dan il-limitu massimu, il-Kummissjoni analizzat id-*data* storika tal-importazzjoni (2013-2017) ([9]) tal-kategorija ta' prodotti 1 u sabet li, matul dan il-perjodu, l-ebda pajjiż esportatur ma qabeż medja ta' 25 %, kif ukoll li l-ogħla sehem fi kwalunkwe sena waħda nkiseb mit-Turkija fl-2017 bi 28 %. Għaldaqstant, il-Kummissjoni qieset li l-ebda pajjiż esportatur waħdieni ma għandu jitħalla jaqbeż sehem ta' 30 % tat-TRQ globali disponibbli għal kull trimestru matul il-perjodu li jkun fadal tal-miżuri.

(27) Dan il-limitu għandu jagħti biżżejjed spazju lill-pajjiżi esportaturi biex jimlew l-ishma tas-suq li tħallew miftuħa mill-pajjiżi fornituri soġġetti għal miżuri anti-dumping jew kumpensatorji, filwaqt li jippreserva kemm jista' jkun il-flussi kummerċjali tradizzjonali u jiżgura biżżejjed diversità ta' provvista għall-utenti fl-Unjoni, sabiex jiġi minimizzat kwalunkwe riskju potenzjali ta' nuqqas ta' provvista ([10]).

(28) Permezz ta' dan l-aġġustament għall-allokazzjoni tat-TRQ, il-Kummissjoni qieset li ssib bilanċ xieraq bejn id-drittijiet leġittimi tal-partijiet differenti f'konformità mal-interess tal-Unjoni.

Valutazzjoni speċifika: Kategorija 4B – Folja miksija metallika użata primarjament fis-settur awtomobilistiku

(29) Fir-Regolament definittiv, il-Kummissjoni ddeċidiet li kien fl-interess tal-Unjoni li l-kategorija 4 (folji miksija metalliċi) tinqasam f'żewġ sottokategoriji: 4A u 4B. L-għan ta' dik il-qasma kien li jinżamm, kemm jista' jkun, il-livell tradizzjonali ta' importazzjonijiet għas-settur awtomobilistiku tal-UE. Fil-fatt, minħabba l-għadd kbir ta' tipi ta' prodotti kontenuti fil-kategorija 4, il-Kummissjoni kienet identifikat riskju serju li t-tipi ta' azzar meħtieġa mis-settur awtomobilistiku tal-UE setgħu jiġu esklużi minn sottokategoriji "standard" oħra. Ta' min ifakkar li ħafna mit-tipi standard taħt din il-kategorija attwalment huma soġġetti għal miżuri anti-dumping, għall-kuntrarju tal-prodotti aktar speċjalizzati li ma kinux koperti fit-talba rispettiva għall-miżuri anti-dumping.

([9]) Il-Kummissjoni nnutat li filwaqt li għall-kalkolu tat-TRQs għall-kategoriji kollha ta' prodotti ħlief il-kategorija 1, hija kienet għażlet il-perjodu 2015-2017, f'dak il-każ hija qisitu xieraq li teżamina wkoll is-snin preċedenti (2013-2014) sabiex tanalizza l-livell tal-importazzjonijiet storiċi f'perjodu qabel iż-żieda fl-importazzjonijiet ikkawżati mill-importazzjonijiet oġġett ta' dumping minn diversi oriġini. Bl-istess mod, il-Kummissjoni qieset li l-livelli tal-importazzjonijiet fl-2018 ma għandhomx jiġu kkunsidrati billi: (i) huma affettwati mill-bidu tal-miżuri ta' salvagwardja f'Marzu 2018, kif ukoll mill-impożizzjoni ta' miżuri proviżorji ta' salvagwardja f'Lulju 2018; u (ii) fihom ammonti rilevanti ta' importazzjonijiet li jirriżultaw minn devjazzjoni tal-kummerċ, kif stabbilit fir-Regolament definittiv.

([10]) Il-Kummissjoni fakkret li r-riskju ta' nuqqas ta' provvista kien identifikat mill-miżuri definittivi bħala problema ewlenija minħabba ċ-ċirkostanzi speċjali prevalenti f'din il-kategorija.

(30) Bħala parti mir-rieżami, il-Kummissjoni rċeviet bosta sottomissjonijiet mill-partijiet interessati affettwati mill-qasma bejn iż-żewġ sottokategoriji, *inter alia* mill-assoċjazzjoni Ewropea tal-manifatturi tal-vetturi (ACEA), il-Gvernijiet u l-produtturi esportaturi tal-Korea u ċ-Ċina. Dawn is-sottomissjonijiet urew li s-sottodiviżjoni attwali mhijiex kompletament effettiva biex tilħaq l-għanijiet maħsuba tagħha. Dawk il-partijiet interessati sostnew ukoll nuqqas ta' ċarezza fid-definizzjoni tal-prodotti fir-rigward tal-klassifikazzjoni tagħhom għal kull sottokategorija u, b'mod partikolari, il-fatt li l-importazzjonijiet tal-ħekk imsejħa gradi awtomobilistiċi ġew eskluży mill-kategoriji standard għad-detriment tal-industrija awtomobilistika.

(31) Il-partijiet interessati ssottomettew proposti differenti biex itejbu l-effettività tat-TRQ għal din il-kategorija. B'mod partikolari, l-ACEA u l-Gvern taċ-Ċina talbu li l-Kummissjoni tagħti eżenzjoni ta' użu aħħari għall-importazzjonijiet ta' gradi tal-azzar fil-kategorija 4B li huma maħsuba għall-użu fl-industrija awtomobilistika. Partijiet interessati oħra bħall-Gvernijiet tal-Korea, it-Tajwan u ċ-Ċina talbu, permezz ta' opzjoni alternattiva, żieda fil-livell tat-TRQ, kif ukoll sistema li tiżgura li l-volumi tradizzjonali għas-settur awtomobilistiku jkunu protetti b'mod effettiv mill-importazzjonijiet ta' tipi oħra ta' azzar. Min-naħa tagħha, l-industrija tal-azzar tal-Unjoni qablet li jenħtieġ li tiġi investigata l-evażjoni potenzjali tal-miżuri anti-dumping tal-kategorija 4A u li għandha tinstab soluzzjoni għas-settur awtomobilistiku, mingħajr, madankollu, ma tiġi eskluża l-kategorija 4B mill-ambitu tal-miżuri.

(32) L-analiżi tal-Kummissjoni mar-rieżami tal-miżuri definittivi tikkonferma li l-flussi kummerċjali tradizzjonali għall-prodotti li jaqgħu fil-kategorija 4B fil-fatt ġew disturbati. Skont l-istatistika dwar l-importazzjonijiet tal-Eurostat, iċ-Ċina (li kienet allokata waħda mill-akbar TRQ speċifiċi għall-pajjiż) eżawriet kompletament it-TRQ tagħha speċifika għall-pajjiż fi trimestru wieħed (mit-2 ta' Frar sal-31 ta' Marzu 2019) u sussegwentement użat ammont sinifikanti tat-TRQ globali (aktar minn 75 %) fl-aħħar trimestru ta' dak l-istess perjodu (mill-1 ta' April sat-30 ta' Ġunju 2019).

(33) Barra minn hekk, il-Kummissjoni osservat li ċ-Ċina kienet eżawriet – fi żmien ġurnata waħda biss – it-TRQ annwali tagħha speċifika għall-pajjiż għat-tieni sena tal-miżuri (mill-1 ta' Lulju 2019 sat-30 ta' Ġunju 2020). Għalhekk huwa dubjuż jekk dawn l-importazzjonijiet fil-fatt jikkonsistux mill-ħekk imsejħa "gradi awtomobilistiċi" tal-importazzjonijiet. Fi kwalunkwe każ, l-eżawriment imsemmi f'ġurnata, tat-TRQ annwali speċifika għall-pajjiż, wera wkoll li l-flussi kummerċjali tradizzjonali għal din is-sottokategorija ġew spustjati. Din ix-xejra x'aktarx li tkompli tiggrava jekk ma jsir ebda aġġustament għall-funzjonament tat-TRQ għall-kategorija 4B biex tiġi żgurata l-konformità mal-objettiv maħsub li jinżamm il-livell tradizzjonali ta' importazzjonijiet minn varjetà ta' pajjiżi fornituri għall-industrija awtomobilistika.

(34) Il-Kummissjoni baqgħet tal-fehma li ma kien hemm ebda raġuni biex tiġi eskluża xi waħda mill-kategoriji ta' prodotti soġġetti għall-miżuri, sew jekk permezz ta' esklużjoni espliċita tal-kategorija ta' prodotti 4B jew permezz ta' eżenzjoni tal-użu aħħari ([11]). Għalhekk il-Kummissjoni ċaħdet l-eżenzjoni mitluba għall-użu aħħari tal-gradi awtomobilistiċi.

(35) Madankollu, il-Kummissjoni rrikonoxxiet li kien fl-interess tal-Unjoni li l-flussi kummerċjali tradizzjonali tat-tipi ta' prodotti użati mis-settur awtomobilistiku tal-UE jkunu delimitati. Wieħed mill-modi biex jintlaħaq dan l-objettiv huwa jekk l-użu tal-kategorija 4B ikun ristrett biss għall-importazzjonijiet li jistgħu juru użu aħħari fis-settur awtomobilistiku.

(36) Għaldaqstant, il-Kummissjoni qieset li huwa fl-interess tal-Unjoni li taġġusta l-funzjonament tat-TRQ għall-kategorija 4, kif ġej. Sabiex jibbenefikaw mit-TRQ taħt il-kategorija 4B, il-kategoriji ta' prodotti tal-azzar li jaqgħu taħt din il-kategorija, u li, fil-fatt, jintużaw għall-manifattura ta' partijiet awtomobilistiċi, iridu jitqiegħdu taħt il-proċedura tal-użu aħħari msemmija fl-Artikolu 254 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 ([12]). Ladarba t-TRQ allokata għall-kategorija 4B tintuża kollha, tapplika t-tariffa ta' 25 % 'il fuq mill-kwota.

(37) Madankollu, billi ċerti kodiċijiet NM attwalment miġbura fi ħdan il-kategorija 4B ma jintużawx esklussivament mill-industrija awtomobilistika, xorta waħda kien meħtieġ li tiġi aġġustata l-allokazzjoni tal-kodiċijiet bejn il-kategoriji 4A u 4B sabiex jiġi żgurat li tiġi ppreservata l-esportazzjoni rilevanti ta' prodotti mhux awtomobilistiċi. Għal dan il-għan, l-ambitu ta' 4A ġie estiż u rivedut kif ġej: il-kodiċijiet NM kollha li qabel kienu raggruppati biss fi ħdan il-kategorija 4B issa jkunu parti wkoll mill-kategorija 4A. L-ambitu tal-kategorija 4A, għalhekk, jiġi estiż. Fl-istess ħin, l-ambitu tal-kategorija 4B jinżamm l-istess.

([11]) Ara l-premessi 23 sa 26 tar-Regolament (UE) 2019/159.
([12]) ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1–101

(38) Għaldaqstant, l-importazzjonijiet ta' prodotti li jaqgħu taħt il-kodiċijiet tal-kategorija 4B li ma jkunux maħsuba għall-użu fl-industrija awtomobilistika fil-ġejjieni jenħtieġ li jsiru biss taħt il-kategorija 4A. Mill-banda l-oħra, l-importazzjonijiet kollha ta' prodotti li kienu maħsuba għall-użu fl-industrija awtomobilistika jenħtieġ li jsiru taħt il-kategorija ta' prodotti 4B u jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-proċedura tal-użu aħħari kif spjegat fil-premessa (36) hawn fuq.

(39) Minħabba dan l-aġġustament, l-Indja tingħata TRQ waħda speċifika għall-pajjiż taħt 4A (li tgħaqqad flimkien il-volumi tat-TRQ speċifika għall-pajjiż allokata taħt 4A u 4B), hekk kif l-informazzjoni disponibbli għall-Kummissjoni indikat li dan il-pajjiż ma jesportax għall-użu fis-settur awtomobilistiku.

(40) B'segwitu għall-informazzjoni riċevuta fil-qafas tal-konsultazzjonijiet li saru mar-Repubblika tal-Korea, il-Kummissjoni aġġustat il-livell tat-TRQ tagħha speċifika għall-pajjiż fil-kategoriji 4A u 4B. Il-parti tat-TRQ taħt il-kategorija 4B li tikkorrispondi għall-kodiċijiet NM li qabel kienu elenkati esklussivament taħt din il-kategorija u li ma kinux intiżi għall-użu awtomobilistiku issa hija trasferita għat-TRQ speċifika għall-pajjiż tar-Repubblika tal-Korea taħt il-kategorija 4A, sabiex dawn ikunu jistgħu jibqgħu jiġu esportati lejn is-suq tal-Unjoni. Il-Kummissjoni qieset li kien neċessarju fl-interess tal-Unjoni li jiġi introdott dan l-aġġustament sabiex tittejjeb l-effikaċja tal-miżuri definittivi fir-rigward ta' din il-kategorija u jiġi żgurat li l-importazzjonijiet mill-industrija awtomobilistika tal-UE ma jkunux ristretti bla bżonn.

Valutazzjonijiet speċifiċi: Kategorija 16 – Virga tal-Wajer

(41) Il-Kummissjoni rċeviet bosta affermazzjonijiet dwar din il-kategorija ta' prodotti. L-ewwel, il-Kummissjoni ntalbet taġġusta 'l fuq il-livell tat-TRQ biex jiġi evitat kwalunkwe nuqqas potenzjali ta' provvista fis-suq tal-Unjoni. B'mod partikolari, xi partijiet kienu talbu li l-livell tat-TRQ jiżdied b'sa 20 % jew li jintuża l-livell tal-importazzjonijiet fis-snin 2016-2018 bħala l-bażi għal reviżjoni tal-livell tat-TRQ. Ohrajn sostnew li t-TRQ għandha tiġi aġġustata kompletament biex tirrifletti tkabbir tad-domanda fl-Unjoni.

(42) It-tieni, xi partijiet interessati argumentaw li l-produtturi tal-Unjoni ma kinux żiedu (u ma kinux kapaċi jżidu aktar) il-kapaċità jew il-produzzjoni fil-livell meħtieġ biex jissodisfaw id-domanda attwali u futura għall-virga tal-wajer fl-Unjoni. Barra minn hekk, huma sostnew ukoll li l-produtturi tal-virga tal-wajer tal-Unjoni kienu jfornu prinċipalment lill-utenti downstream relatati tagħhom, u b'hekk kienu jnaqqsu l-kwantitajiet disponibbli ta' virga tal-wajer maħsuba għas-suq miftuħ, li kien idgħajjef il-pożizzjoni ta' dawk l-utenti indipendenti, jiġifieri dawk li mhumiex integrati vertikalment. B'riżultat ta' dan, l-utenti indipendenti jkunu qed jiffaċċjaw limitazzjonijiet importanti biex jaċċessaw kwantitajiet suffiċjenti ta' virga tal-wajer.

(43) It-tielet, xi partijiet interessati sostnew li l-eżawriment ta' ċerti TRQs ma setax ikun minħabba prattiki ta' ħażna għal din il-kategorija ta' prodotti u li l-importazzjonijiet kienu pjuttost magħmula f'livelli regolari u konsistenti sakemm it-TRQs rilevanti jkunu ġew eżawriti.

(44) Ir-raba', diversi partijiet interessati talbu lill-Kummissjoni biex tagħti TRQs speċifiċi għall-pajjiż lil ċerti oriġini billi huma jfornu sottokategoriji speċifiċi ta' prodotti lis-suq tal-Unjoni. Bl-istess mod, xi partijiet interessati argumentaw li jew ċerti sottokategoriji jenħtieġ li jiġu esklużi, jew li jenħtieġ li l-Kummissjoni taqsam din il-kategorija ta' prodotti, billi talloka TRQs speċifiċi għas-sottokategoriji l-ġodda.

(45) Il-ħames, xi partijiet talbu li din il-kategorija tinqasam sabiex is-sottokategoriji li jintużaw fis-settur awtomobilistiku jkollhom it-TRQ proprja tagħhom.

(46) Fl-aħħar nett, waħda mill-partijiet interessati argumentat li ma setgħetx tipproduċi tip partikolari ta' prodott billi s-salvagwardji kienu llimitaw l-ammont ta' ċertu tip ta' virga tal-wajer meħtieġa; diversi partijiet talbu wkoll li t-TRQ speċifika għall-pajjiż li ma tintużax tiġi trasferita għat-TRQ residwa fl-aħħar trimestru ta' kull perjodu (mill-1 ta' April sat-30 ta' Ġunju).

(47) Fil-qafas tar-rieżami, il-Kummissjoni vvalutat dawn is-sottomissjonijiet kollha bir-reqqa. L-ewwel nett, il-Kummissjoni sabet li, għalkemm fin-Notifika ta' Bidu tal-Investigazzjoni ta' Rieżami hija kienet irrikonoxxiet li din il-kategorija kienet esperjenzat użu partikolarment mgħaġġel kemm tat-TRQs speċifiċi għall-pajjiż kif ukoll tat-TRQ globali fl-aħħar trimestru tal-ewwel perjodu annwali (jiġifieri, mill-1 ta' April sat-30 ta' Ġunju 2019), il-provvista ġenerali għal dan il-prodott ma tidhirx li kienet limitata b'mod anormali. Ma kien hemm ebda sinjal ta' żieda sostanzjali fid-domanda li jindika bidla fiċ-ċirkostanzi. Fil-fatt, l-analiżi tal-użu tat-TRQ uriet li, filwaqt li xi pajjiżi kienu użaw it-TRQ individwali tagħhom malajr ħafna, fl-aħħar ġimagħtejn ([13]) tal-aħħar trimestru tal-ewwel sena taħt il-miżuri kien għad hemm spazju kwantitattiv disponibbli fit-TRQ minn tal-anqas tliet pajjiżi ta' oriġini (il-Moldova, l-Iżvizzera u l-Ukrajna), li jirrappreżenta aktar minn 6 % tat-TRQ totali allokata għall-perjodu. Fit-tmiem tal-ewwel sena li fiha kienu fis-seħħ il-miżuri, kien għad hemm spazju kwantitattiv fit-TRQ disponibbli minn oriġini waħda (l-Ukrajna).

(48) Skont xi sottomissjonijiet, fis-settur tal-kostruzzjoni tal-UE, li hija waħda mid-destinazzjonijiet prinċipali għall-virga tal-wajer, id-domanda kibret bi 2,8 % fl-2018 u hija mistennija li tkompli tikber b'rata ta' 1,6 % fil-perjodu 2019-2021. Madankollu, dan il-mudell ta' tkabbir kien diġà integrat fil-valutazzjoni li wasslet għad-definizzjoni tal-livell kwantitattiv attwali tat-TRQs. Fil-fatt, meta imponiet il-miżuri definittivi, il-Kummissjoni żiedet il-livell tradizzjonali tal-importazzjonijiet b'5 % addizzjonali biex taġġorna d-*data* storika u tqis żieda normali fid-domanda matul is-snin ta' wara. Barra minn hekk, anki kieku l-liberalizzazzjoni tal-miżuri ta' salvagwardja wara l-ewwel sena tagħhom kellha tiġi emendata 'l isfel ([14]), hija qiegħda *de facto* żżid aktar il-livell tat-TRQs disponibbli biex tlaħħaq mal-allegata żieda fid-domanda lil hinn mit-tkabbir previst. Abbażi ta' dan, il-Kummissjoni tqis li l-livell attwali tat-TRQ għall-kategorija ta' prodotti 16 kien adegwat u li ma kien hemm l-ebda riskju ta' nuqqas fis-suq tal-Unjoni.

(49) Fir-rigward tal-affermazzjoni ta' restrizzjoni artifiċjali fl-offerta mill-produtturi tal-Unjoni, skont l-informazzjoni disponibbli għall-Kummissjoni (li tinkludi t-tweġibiet ivverifikati għall-kwestjonarju ppreżentati mill-produtturi tal-Unjoni fil-qafas tal-investigazzjoni li wasslet għall-miżuri definittivi), il-produzzjoni u l-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni (fis-suq ħieles) żdiedu b'mod konsistenti matul il-perjodu 2013-2017. Fl-istess perjodu, il-bejgħ lil kumpaniji relatati (bejgħ ristrett) żdied ukoll għalkemm f'volumi ħafna aktar baxxi. Id-*data* wriet li l-volum tal-bejgħ lis-suq ħieles (fl-Unjoni) kien aktar minn tliet darbiet ogħla mill-bejgħ ristrett fl-Unjoni matul l-istess perjodu. Barra minn hekk, ma hemm l-ebda evidenza li turi li xejra daqshekk ċara u konsistenti osservata f'dawn l-aħħar snin kienet titreġġa' lura drastikament dan l-aħħar. Għalhekk, l-evidenza disponibbli fil-fajl kienet tikkontradixxi din l-affermazzjoni.

(50) Rigward il-ħażna potenzjali, l-evidenza fil-fajl kienet tikkontradixxi l-allegazzjoni li l-importazzjonijiet seħħew mill-pajjiżi kollha ta' oriġini f'livelli regolari u konsistenti. Fil-fatt, filwaqt li dan kien il-każ għal għadd ta' pajjiżi ta' oriġini, kif ukoll għat-TRQ residwa fit-tielet trimestru (Frar-Marzu 2019), l-oriġini l-aktar rilevanti l-oħra (it-Turkija u r-Russja) eżawrew it-TRQ disponibbli għal ħames xhur fi ftit jiem jew ġimgħat. Dan il-mudell anormali kien ikkonfermat ukoll għall-ewwel jiem tat-tieni perjodu tal-miżuri (Sad-19 ta' Lulju 2019, it-Turkija kienet użat 60 % tat-TRQ annwali tagħha speċifika għall-pajjiż). Barra minn hekk, il-Kummissjoni osservat ukoll li t-TRQ residwa fl-aħħar trimestru tal-ewwel perjodu tal-miżuri (mill-1 ta' April sat-30 ta' Ġunju 2019) kienet eżawrita esklussivament minn żewġ pajjiżi (it-Turkija u r-Russja) diġà fit-tieni jum tat-trimestru rilevanti (jiġifieri, it-2 ta' April 2019), filwaqt li, fit-trimestru preċedenti (mit-2 ta' Frar sal-31 ta' Marzu 2019), dik it-TRQ residwa kienet intużat, minn diversi pajjiżi, b'pass kostanti matul it-trimestru kollu. Tali eżawriment mgħaġġel mhux tas-soltu, tal-livell tat-TRQ minn xi pajjiżi ta' oriġini, ma jistax jitqies bħala "livelli regolari u konsistenti ta' kummerċ".

(51) Fir-rigward tat-talba biex il-kategorija 16 tinqasam, il-Kummissjoni fakkret li, fir-Regolament (UE) 2019/159, hija qasmet b'mod eċċezzjonali żewġ kategoriji u spjegat ir-raġunijiet għal din id-deċiżjoni. Wara li analizzat bir-reqqa s-sottomissjonijiet li rċeviet f'dan ir-rigward, il-Kummissjoni stabbiliet li ma ntweriet l-ebda bidla fiċ-ċirkostanzi li tiġġustifika l-qsim ta' kwalunkwe kategorija addizzjonali. Il-Kummissjoni tosserva li s-sottomissjonijiet tal-industrija awtomobilistika tal-UE (ACEA) lanqas biss semmew il-ħtieġa ta' aġġustament potenzjali f'din il-kategorija. Il-Kummissjoni nnutat ukoll li s-sempliċi fatt li ċerti tipi fi ħdan kategorija ta' prodotti kienu jintużaw fis-settur awtomobilistiku ma jikkwalifikahomx awtomatikament għal trattament differenzjali taħt il-miżuri. Pjuttost, ikun irid jintwera li jkun fl-interess tal-Unjoni li jsir tali aġġustament. Għaldaqstant, l-evidenza pprovduta ma kinitx suffiċjenti biex il-Kummissjoni tikkonkludi li l-aġġustament huwa tabilħaqq fl-interess tal-Unjoni.

([13]) Abbażi tal-użu tat-TRQ sas-17 ta' Ġunju 2019.
([14]) Ara t-Taqsima 2.E hawn taħt.

(52) Rigward l-impatt tal-miżuri definittivi ta' salvagwardja fuq il-kapaċità li jiġi mmanifatturat ċertu prodott li għalih huwa meħtieġ ċertu tip ta' virga tal-wajer, il-Kummissjoni osservat li l-evidenza pprovduta wriet xejra ta' tnaqqis konsistenti u kbira fil-bejgħ ta' dawk il-prodotti mill-2013 sal-2018, jiġifieri qabel ma ġew stabbiliti l-miżuri ta' salvagwardja. Għalhekk, din l-affermazzjoni ma kinitx appoġġata b'evidenza suffiċjenti.

(53) Għalhekk, il-Kummissjoni tqis li ma kienx hemm evidenza suffiċjenti biex tiġġustifika żieda fit-TRQ għal din il-kategorija ta' prodotti.

Valutazzjoni speċifika: Kategorija 25 – Tubi kbar iwweldjati

(54) Xi partijiet sostnew li l-allokazzjoni attwali ta' TRQs għall-kategorija 25 jenħtieġ li tiġi emendata minħabba ċirkostanzi mibdula. B'mod partikolari, xi partijiet argumentaw li proġett ta' pajp tal-gass ewlieni (Nord Stream 2), li għalih ġew impurtati ammont kbir ta' tubi mir-Russja fl-2017, issa jinsab fl-aħħar stadji tiegħu u li, għalhekk, l-allokazzjoni ta' TRQs għal dan il-prodott ma tkunx xierqa billi ma tkunx tirrappreżenta s-sitwazzjoni attwali fis-suq. Din l-affermazzjoni hija appoġġata mix-xejriet tal-importazzjoni osservati mir-Russja. B'riżultat ta' dan, dawk il-partijiet argumentaw li jenħtieġ li ma jkunx hemm aktar TRQs speċifiċi għall-pajjiż għal din il-kategorija, iżda pjuttost TRQ globali waħda biex jiġi evitat in-nuqqas ta' provvista għal proġetti oħra li jmiss.

(55) Minn naħa, ir-Russja hija l-pajjiż bl-akbar TRQ individwali għal din il-kategorija (li tammonta għal madwar 70 % tat-TRQ totali). Skont ir-rieżami, l-analiżi mill-Kummissjoni tad-*data* rilevanti tal-importazzjoni wriet li l-importazzjonijiet tar-Russja naqsu b'mod konsistenti wara żieda qawwija fl-2017. Wara din iż-żieda, il-livell ta' importazzjonijiet tar-Russja diġà esperjenza tnaqqis drastiku fl-2018 (għalkemm xorta f'volumi relattivament għoljin). Din ix-xejra 'l isfel madankollu aċċellerat matul il-perjodu ta' applikazzjoni tal-miżuri definittivi ta' salvagwardja. L-analiżi tal-użu tat-TRQ uriet li, b'riżultat ta' dan, ir-Russja b'mod ġenerali ma tantx użat it-TRQ tagħha speċifika għall-pajjiż matul l-ewwel sena tal-miżuri (użu ta' 30 %) ([15]). Dan l-użu baxx tal-kwota tariffarja kien jirrifletti l-ħtiġijiet tal-proġett ta' inġinerija *ad hoc* imsemmi fil-premessa (54).

(56) Min-naħa l-oħra, pajjiżi fornituri oħra għal din il-kategorija ta' prodotti kienu eżawrew kompletament it-TRQs tagħhom speċifiċi għall-pajjiż u użaw sa 79 % tat-TRQ globali (il-volum ta' din it-TRQ globali huwa pjuttost żgħir relattivament).

(57) Fid-dawl taċ-ċirkustanzi mibdula relatati mal-proġett ta' inġinerija msemmi fil-premessa (54) u l-evoluzzjoni l-aktar reċenti osservata fl-użu tat-TRQ, il-Kummissjoni qieset li kien meħtieġ li t-TRQ eżistenti tiġi sostitwita b'TRQ globali unika. Din il-bidla fis-sistema tat-TRQ kienet meqjusa konformi mal-interess tal-Unjoni, billi kienet aktar adatta biex tillimita r-riskju ta' nuqqas potenzjali ta' provvista li jirriżulta minn allokazzjoni inadegwata tat-TRQs, filwaqt li tiżgura, fl-istess ħin, diversità adegwata ta' provvista u opportunitajiet indaqs għall-fornituri potenzjali kollha biex jipparteċipaw fi kwalunkwe proġett ta' inġinerija ġdid li jirrikjedi din il-kategorija ta' prodotti.

(58) Il-Kummissjoni osservat li l-maqlub, jiġifieri, jekk tinżamm l-allokazzjoni tat-TRQs għal kull pajjiż attwalment soġġett għall-miżuri definittivi, il-parteċipazzjoni ta' fornituri ta' pajjiżi ta' oriġini potenzjali oħra fil-proċessi ta' akkwist għal proġetti oħra li għaddejjin bħalissa jew futuri tista' tiġi mfixkla bla bżonn. L-istess problema tista' tinħoloq ukoll kieku l-Kummissjoni kellha tistabbilixxi limitu massimu għal kull pajjiż fornitur, kif iddeċidiet li tagħmel għall-kategorija 1. Il-Kummissjoni għalhekk qieset li ż-żamma tas-sitwazzjoni oriġinali ma tkunx fl-interess tal-Unjoni u li l-bidla fl-allokazzjoni tat-TRQs għal din il-kategorija kienet ġustifikata.

(59) Rigward il-kwoti globali kollha taħt il-miżuri eżistenti, it-TRQ globali għall-kategorija 25 jenħtieġ li tiġi amministrata fuq bażi trimestrali.

Valutazzjoni ġenerali: Affermazzjonijiet dwar il-kategoriji tal-prodotti

(60) Filwaqt li fil-premessi preċedenti ġew diskussi fid-dettall il-merti tal-aġġustamenti potenzjali fit-TRQ għall-kategoriji tal-prodotti li attiraw il-maġġoranza tal-kummenti mill-partijiet interessati, din is-sottotaqsima tindirizza b'mod aktar konċiż l-affermazzjonijiet li saru fir-rigward tal-bqija tal-kategoriji tal-prodotti permezz ta' argumenti li huma ta' valur ġenerali għall-kategoriji korrispondenti li għalihom saru l-affermazzjonijiet.

([15]) Il-kwota mhux użata tar-Russja tammonta għal madwar 94 % tat-TRQs totali mhux użati f'din il-kategorija.

(61) Xi partijiet interessati talbu żieda f'dawk it-TRQs speċifiċi għall-pajjiż li kienu ġew eżawriti qabel it-tmiem tal-perjodu rilevanti. Uħud minn dawn il-partijiet argumentaw li l-fatt biss li TRQ speċifika għall-pajjiż ġiet eżawrita huwa evidenza suffiċjenti biex tiġġustifika żieda fit-TRQ. Fuq l-istess linji, uħud minn dawn il-partijiet innotaw ukoll li l-livell tat-TRQs stabbilit mill-miżuri definittivi kien baxx wisq, billi għal xi kategoriji ta' prodotti l-livelli ta' importazzjoni fl-2018 kienu komparattivament ogħla mil-livelli kwantitattivi tat-TRQs ikkonċernati.

(62) L-ewwel nett, il-Kummissjoni nnotat li, ħlief għal żewġ kategoriji ta' prodotti, għall-erbgħa u għoxrin kategorija l-oħra kien għad hemm spazju kwantitattiv ta' TRQ disponibbli minn pajjiż ta' oriġini wieħed jew diversi, jew mit-TRQ residwa jew mit-tnejn. Kif imsemmi fil-premessa (15), l-ispazju totali ta' TRQ mhux użata matul il-perjodu li fih kienu fis-seħħ il-miżuri provviżorji (mit-18 ta' Lulju 2018 sal-1 ta' Frar 2019) u l-ewwel perjodu tal-miżuri definittivi (mit-2 ta' Frar 2019 sat-30 ta' Ġunju 2019) qabeż it-3 miljun tunnellata. Bħala tali, il-Kummissjoni ma qablitx mal-affermazzjonijiet li l-livell kwantitattiv globali tat-TRQs kien stabbilit baxx wisq. Barra minn hekk, il-fatt li ċerti TRQs fi ħdan kategorija ta' prodotti partikolari kienu eżawriti qabel tmiem il-perjodu rilevanti fih innifsu ma kienx jikkostitwixxi ċirkostanzi mibdula li jiġġustifikaw żieda awtomatika fit-TRQ, jekk ma tiġix ipprovduta evidenza addizzjonali li turi li l-eżawriment kien dovut għal żieda fid-domanda li ma kinitx prevista meta ġew adottati l-miżuri definittivi. Il-Kummissjoni fakkret li r-raġunament tal-miżuri ta' salvagwardja kien li jiġu stabbiliti miżuri ta' rispons ta' emerġenza fir-rigward taż-żieda fl-importazzjonijiet ta' prodotti partikolari. B'kuntrast ma' dan, ħafna mill-affermazzjonijiet li saru fir-rieżami sempliċiment talbu żieda fil-livell kwantitattiv tat-TRQ mingħajr ma pprovdew xi tip ta' evidenza ta' tibdil fiċ-ċirkostanzi (bħal, pereżempju, l-ebda riskju ta' devjazzjoni tal-kummerċ). Għalhekk, l-affermazzjonijiet magħmula fuq din il-bażi tqiesu bħala mhux issostanzjati.

(63) Xi partijiet interessati talbu lill-Kummissjoni biex tibdel il-perjodu użat għall-kalkolu tat-TRQ. F'ħafna każijiet, dawn il-partijiet talbu li jintuża l-perjodu 2016-2018 biex jinqabad l-aktar livell reċenti u, ġeneralment ukoll, l-ogħla livell ta' importazzjonijiet.

(64) Fir-Regolament (UE) 2019/159 u fid-dawl tal-Artikoli 15 tar-Regolament (UE) 2015/478 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2015 dwar ir-regoli komuni għall-importazzjonijiet ([16]) ("ir-Regolament (UE) 2015/478") kif ukoll il-prinċipji tal-proporzjonalità u nondiskriminazzjoni, il-Kummissjoni nnotat li t-TRQs ġew ikkalkulati abbażi tal-livell medju ta' importazzjonijiet fl-aħħar tliet snin rappreżentattivi (2015-2017). Il-Kummissjoni fakkret li, kif spjegat fin-Notifika ta' Bidu tal-Investigazzjoni ta' Rieżami, l-għan ta' dan ir-rieżami kien li jiġu fformulati aġġustamenti speċifiċi ħafna tal-miżuri eżistenti jekk, mill-adozzjoni tagħhom, kien hemm evidenza suffiċjenti li kienu nbidlu ċ-ċirkostanzi. Barra minn hekk, il-partijiet interessati naqsu fi kwalunkwe każ milli juru kif il-perjodu magħżul mill-Kummissjoni jkun inkompatibbli mar-regoli jew mal-prinċipji rilevanti tad-dritt tal-Unjoni. Għaldaqstant, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-perjodu li ntuża biex tiġi stabbilita t-TRQ ikkonċernata mhux se jiġi rivedut fil-qafas ta' dan ir-rieżami.

(65) Xi partijiet interessati semmew il-fatt li ċerti TRQs speċifiċi għall-pajjiż ma kinux intużaw b'mod sħiħ. F'xi każijiet, il-livell ta' użu kien fil-fatt negliġibbli. Dawn il-partijiet talbu lill-Kummissjoni biex tqassam mill-ġdid dawn il-volumi fost fornituri oħra li setgħu kienu eżawrew it-TRQs tagħhom.

(66) Il-Kummissjoni rrikonoxxiet li ċerti TRQ speċifiċi għall-pajjiż ma ntużawx b'mod sħiħ u li f'xi każijiet speċifiċi, il-livell ta' użu kien baxx b'mod anormali. Il-Kummissjoni fakkret li l-allokazzjoni tat-TRQs lil ċerti pajjiżi saret abbażi tal-importazzjonijiet storiċi sabiex jinżammu l-flussi kummerċjali tradizzjonali F'dan ir-rigward, l-ebda parti interessata ma pprovdiet evidenza suffiċjenti li turi li l-livell ta' użu baxx b'mod anormali kien minħabba ċirkostanzi mibdula ta' natura dejjiema għat-tipi ta' prodotti rilevanti. Il-partijiet interessati lanqas ma pprovdew din l-evidenza għall-argumenti li l-kwoti mhux użati kienu qed jiġġeneraw problemi ġenerali ta' nuqqas ta' offerta għall-kategoriji ta' prodotti korrispondenti, sabiex l-allokazzjoni eżistenti tat-TRQs ikkonċernati ma setgħetx tibqa' titqies bħala xierqa u tiġġustifika rieżami. Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li ma kienx hemm raġunijiet suffiċjenti li jiġġustifikaw it-tiċħid ta' kwalunkwe fornitur storiku mill-kwota proprja tiegħu.

(67) Fir-rigward tal-kwoti residwi mhux użati fit-tmiem ta' kull wieħed mill-ewwel tliet trimestri ta' perjodu, xi partijiet interessati talbu lill-Kummissjoni sabiex tittrasferixxi bl-istess mod it-TRQs kollha mhux użati fit-tmiem ta' perjodu għall-perjodu ta' wara.

([16]) ĠU L 83, 27.3.2015, p. 16.

(68) Il-Kummissjoni ma tistax taċċetta din it-talba. Għandu jiġi nnutat li l-livell tat-TRQs disponibbli għal kull perjodu huwa kkalkulat fuq bażi annwali. Għalhekk, it-trasferiment tal-kwoti mhux użati minn perjodu għall-ieħor jgħolli t-TRQs disponibbli f'kull perjodu lil hinn mil-livell tal-importazzjonijiet tradizzjonali storiċi u, konsegwentement, jissogra li jdgħajjef l-effettività tal-miżuri.

(69) Bl-istess mod, xi partijiet interessati talbu lill-Kummissjoni biex tagħti lill-pajjiżi TRQs speċifiċi għall-pajjiż, anki f'sitwazzjonijiet fejn l-importazzjonijiet minn dawn il-pajjiżi f'kategorija partikolari jkunu anqas minn 5 % matul il-perjodu kkunsidrat rilevanti għall-allokazzjoni tat-TRQ (2015-2017).

(70) Il-Kummissjoni fakkret li l-metodu tal-allokazzjoni tat-TRQ kien l-istess għall-kategoriji u l-oriġini kollha tal-prodotti. Il-kriterju għall-allokazzjoni ta' TRQ speċifika għall-pajjiż, kif definita fir-Regolament (UE) 2019/159, kien li l-importazzjonijiet ta' pajjiż għandhom jammontaw għal mill-anqas 5 % tal-importazzjonijiet medji f'kategorija ta' prodotti fil-perjodu 2015-2017. Is-sottomissjonijiet li waslu f'dan ir-rigward ma jipprovdu l-ebda raġuni oġġettiva biex dak l-approċċ jinbidel. Barra minn hekk, skont ir-regoli tad-WTO, l-għoti ta' TRQs speċifiċi għall-pajjiż b'mod eċċezzjonali meta l-limitu ta' 5 % ma jintlaħaqx ikun jikkostitwixxi diskriminazzjoni bejn il-partijiet interessati. Għalhekk, il-Kummissjoni ma setgħetx taċċetta dawn it-talbiet.

(71) Partijiet interessati oħra invokaw dispożizzjonijiet differenti inklużi fi ftehimiet kummerċjali bilaterali ffirmati mill-Unjoni Ewropea ma' ċerti sħab kummerċjali sabiex jiksbu jew eżenzjoni mill-miżuri jew trattament preferenzjali vis-à-vis l-importazzjonijiet tagħhom.

(72) Il-Kummissjoni nnutat li l-ftehimiet kummerċjali bilaterali kollha invokati mill-partijiet kienu jipprevedu l-possibbiltà li jiġu adottati miżuri ta' salvagwardja. Għalhekk, ma tista' tintalab l-ebda eżenzjoni fuq din il-bażi. Il-Kummissjoni ma qablitx ukoll mal-fehma li hija għandha tagħti trattament preferenzjali lil xi pajjiżi fuq oħrajn. Tali ftehimiet bilaterali ma jipprovdux jew ma jimponu l-ebda obbligu fuq l-Unjoni għal tali trattament differenzjali fir-rigward ta' partijiet oħra soġġetti għall-miżuri. L-ebda parti interessata ma setgħet tindika dawn id-dispożizzjonijiet fil-ftehimiet rilevanti. Għalhekk, il-Kummissjoni ma setgħetx taċċetta dawn it-talbiet.

(73) Madankollu partijiet interessati oħra sostnew li kienet meħtieġa żieda fit-TRQ minħabba li l-industrija tal-Unjoni ma kinitx kapaċi tforni biżżejjed kwantitajiet fis-suq tal-Unjoni u dan jista' jwassal għal nuqqasijiet fis-suq.

(74) Il-Kummissjoni fakkret li, għall-maġġoranza tal-kategoriji ta' prodotti, kien għad hemm spazju għall-kwoti disponibbli, kemm fit-tmiem tal-perjodu li fih kienu fis-seħħ il-miżuri provviżorji (l-1 ta' Frar 2019) kif ukoll fit-tmiem tal-ewwel perjodu li fih kienu fis-seħħ il-miżuri definittivi (it-30 ta' Ġunju 2019). Għalhekk, il-Kummissjoni qieset li dawn l-affermazzjonijiet ma kinux jaqblu mal-użu reali tal-kwoti. Barra minn hekk, dawk il-partijiet ma pprovdew l-ebda evidenza li turi nuqqas ta' provvista għal xi waħda mill-kategoriji ta' prodotti rilevanti. Għalhekk, il-Kummissjoni ma aċċettatx dawn it-talbiet.

(75) Xi partijiet interessati rabtu t-talbiet tagħhom għal żieda fit-TRQs f'ċerti kategoriji ma' żieda allegata fid-domanda fis-setturi tal-ekonomija fejn jintużaw dawn il-kategoriji.

(76) Il-Kummissjoni nnutat li dawn it-talbiet indikaw żidiet fid-domanda li seħħew qabel l-impożizzjoni tal-miżuri definittivi. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni fakkret li hija kienet diġà kopriet dawn iż-żidiet potenzjali b'żieda ta' 5 % fuq il-livelli tradizzjonali ta' importazzjoni, li kienet fis-seħħ mid-dħul fis-seħħ tal-miżuri definittivi ta' salvagwardja. Fir-rigward tal-evoluzzjoni tad-domanda fil-perjodi sussegwenti, l-informazzjoni disponibbli għall-Kummissjoni ma wriet l-ebda indikazzjoni ta' żieda sostanzjali fid-domanda, iżda, pjuttost, indikat tnaqqis fil-konsum reali tal-azzar ([17]).

(77) Xi partijiet interessati talbu lill-Kummissjoni biex jew teskludi ċerti sottokategoriji ta' prodotti jew biex taqsam il-kategoriji tal-prodotti attwali. B'appoġġ għal dawn it-talbiet, huma allegaw li kien fl-interess tal-Unjoni li jiġi żgurat li l-importazzjonijiet ta' ċerti sottokategoriji ta' prodotti "niċċa" ma jiġux eskluži bl-importazzjonijiet ta' sottokategoriji oħra ta' prodotti aktar standard.

(78) F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni ssottolinjat li l-ambitu tar-rieżami ma kienx ikopri l-esklużjoni jew l-inklużjoni ta' kategoriji jew sottokategoriji ta' prodotti taħt il-miżuri. Fir-rigward tat-talbiet għall-qsim ta' ċerti kategoriji ta' prodotti, il-Kummissjoni rreferiet għall-ispjegazzjoni tagħha fil-premessa (34) hawn fuq.

([17]) Ara t-Taqsima 2.E hawn taħt.

(79) Xi partijiet interessati insistew li l-Kummissjoni għandha tintroduċi sistema ta' liċenzjar biex tamministra t-TRQs.

(80) F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni enfasizzat li, fit-tfassil ta' sistema ta' TRQ, kien fundamentali li jiġi żgurat li l-implimentazzjoni tagħha tkun raġonevolment fattibbli. Minħabba l-ambitu kbir tal-prodott tal-miżuri attwali, l-introduzzjoni ta' sistema ta' liċenzjar iżżid tali grad ta' kumplessità li l-benefiċċji komparattivi netti tagħha meta mqabbla man-nuqqasijiet tagħha sa issa kienu għadhom mhux ċari. Sakemm ma jiġix ippruvat mod ieħor, il-Kummissjoni qieset li s-sistema tat-TRQ fis-seħħ bħalissa kienet xierqa. Il-Kummissjoni tenfasizza li ma kienet ġiet ipprovduta l-ebda evidenza f'dan ir-rieżami li toħloq dubji dwar l-adegwatezza tas-sistema attwali ta' ġestjoni tat-TRQs.

(81) Xi partijiet interessati talbu lill-Kummissjoni biex temenda l-ġestjoni attwali tal-kwoti speċifiċi għall-pajjiż, sabiex ikunu ġestiti fuq bażi trimestrali. Dawn il-partijiet argumentaw li r-riskji ta' prattiki ta' ħażna b'hekk jiġu mnaqqsa u b'hekk jiġi żgurat ritmu aktar mexxej fl-użu tal-kwoti.

(82) Il-Kummissjoni qieset li s-sistema attwali, li biha t-TRQs speċifiċi għall-pajjiż għall-forniturи storiċi jiġu ġestiti fuq bażi annwali, kienet fl-interess tal-Unjoni, billi ma tillimitax bla bżonn jew b'mod artifiċjali l-għażla tal-provvista għall-importaturi u l-utenti tal-Unjoni fi kwalunkwe ħin partikolari. Għalhekk, il-Kummissjoni ma kienet tara l-ebda raġuni biex tibdilha.

(83) Xi partijiet interessati talbu wkoll li l-pajjiżi li jkunu eżawrew it-TRQ tagħhom speċifika għall-pajjiż ikunu jistgħu jaċċessaw immedjatament il-kwota residwa. Dik il-possibbiltà kienet attwalment limitata għar-raba' trimestru ta' kull perjodu.

(84) Il-Kummissjoni fakkret li l-possibbiltà ta' aċċess għat-TRQ residwa fl-aħħar trimestru ta' perjodu ġiet introdotta biex jitnaqqas ir-riskju li l-kwoti residwi jibqgħu mhux użati u biex jiġi evitat nuqqas potenzjali ta' provvista fis-suq tal-Unjoni. Kif innotat aktar 'il fuq, il-Kummissjoni kienet qed timmonitorja fuq bażi ta' kuljum l-użu tat-TRQs residwi. Ħlief għas-sejbiet dwar l-esklużjoni żviluppati fit-Taqsima 2.B aktar 'l isfel, il-Kummissjoni għalhekk innutat li l-użu tal-kwota għall-biċċa l-kbira tal-kwoti residwi kien għoli ħafna (f'ħafna każijiet kienet eżawrita kompletament). Il-Kummissjoni osservat ukoll li fil-ftit kategoriji li ppreżentaw livell baxx ħafna ta' użu tat-TRQ residwa, il-biċċa l-kbira tat-TRQs speċifiċi għall-pajjiż ma kinux ġew eżawriti kompletament lanqas. Għalhekk, fid-dawl ta' dawn l-elementi, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-awtorizzazzjoni tal-aċċess għall-aħħar trimestru ta' perjodu sa issa kienet effettivament żgurat li l-flussi kummerċjali tradizzjonali f'termini ta' oriġini jkunu fil-biċċa l-kbira ppreservati, ([18]) filwaqt li jiġi minimizzat ir-riskju ta' nuqqas ta' provvista.

2.B **"Esklużjoni" ta' flussi kummerċjali tradizzjonali**

(85) Skont il-miżuri definittivi ta' salvagwardja, ladarba TRQ speċifika għall-pajjiż f'kategorija ta' prodotti partikolari tiġi eżawrita, il-pajjiż korrispondenti jitħalla jaċċessa t-TRQ globali matul l-aħħar trimestru (jiġifieri mill-1 ta' April 2019 sat-30 ta' Ġunju 2019). Għalkemm it-TRQ globali fil-prinċipju hija maħsuba għall-pajjiżi li jifdal li ma jkunux qed jibbenefikaw minn TRQs speċifiċi għall-pajjiż, dan il-mekkaniżmu nħoloq biex jiżgura li l-ebda TRQ residwa ma tibqa' mhux użata fl-aħħar ta' kull sena taħt il-miżuri.

(86) In-Notifika ta' Bidu tal-Investigazzjoni ta' Rieżami indikat li, għal ċerti kategoriji ta' prodotti, pajjiż wieħed jew diversi pajjiżi li qed jibbenefikaw minn TRQ speċifika għall-pajjiż kienu eżawrew malajr it-TRQ residwa matul l-aħħar trimestru, u b'hekk eskludew flussi ta' importazzjoni tradizzjonali minn oriġini oħra. Għalhekk, il-Kummissjoni impenjat ruħha li tinvestiga jekk dan il-fatt kienx affettwa b'mod negattiv l-interess tal-Unjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-ħtieġa li jinżammu l-flussi kummerċjali tradizzjonali, u, fejn xieraq, li tiddeċiedi dwar rimedji potenzjali għal din is-sitwazzjoni.

Kummenti magħmula mill-partijiet

(87) Minn naħa, bosta partijiet interessati, inklużi pajjiżi forniturи, esportaturi, utenti u l-industrija tal-Unjoni lmentaw dwar l-effetti ta' esklużjoni li s-sistema attwali ta' aċċess għall-kwota residwa matul l-aħħar trimestru tista' tiġġenera għall-interessi tagħhom. Dawn il-partijiet talbu lill-Kummissjoni biex tieħu azzjoni immedjata biex tirrimedja l-allegat żbilanċ ikkonċernat, billi pajjiż li diġà jkun soġġett għal TRQ speċifika għall-pajjiż ma għandux jitħalla jisposta forniturи storiċi oħra, anki jekk dawn ikunu komparattivament anqas importanti f'termini ta' volumi importati. Għalhekk, dawn il-partijiet talbu limitazzjoni tal-użu tat-TRQ residwa globali fl-aħħar trimestru tas-sena rispettiva tal-miżuri. Min-naħa l-oħra, għadd limitat ta' partijiet interessati ppreżentaw argumenti kuntrarji, fejn ma qablux ma' kwalunkwe bidla fil-funzjonament tal-mekkaniżmu attwali. Fil-fehma tagħhom, kwalunkwe bidla fis-sistema tipperikola l-użu sħiħ tat-TRQs residwi.

([18]) Ara t-Taqsima 2.B għaż-żewġ eċċezzjonijiet fejn ġiet identifikata l-esklużjoni.

Analiżi tal-Kummissjoni

(88) Il-Kummissjoni wettqet valutazzjoni fil-fond tal-mekkaniżmu attwalment fis-seħħ għall-ġestjoni tat-TRQs residwi globali, inkluż ir-riport ta' kwoti mhux użati minn trimestru għall-ieħor u l-aċċess matul ir-raba' trimestru għall-pajjiżi li jkunu eżawrew il-kwota speċifika għall-pajjiż korrispondenti tagħhom. Din il-valutazzjoni wriet li l-mekkaniżmu eżistenti ġeneralment ħadem tajjeb u żgura massimizzazzjoni mingħajr problemi tal-użu tat-TRQs residwi. Fil-maġġoranza kbira tal-kategoriji tal-prodotti soġġetti għall-miżuri definittivi, l-użu tat-TRQ globali minn fornituri li jkunu eżawrew il-kwota tagħhom speċifika għall-pajjiż, anki jekk xi drabi setgħu jieħdu porzjon kbir mit-TRQ globali matul l-aħħar trimestru, ma impediex lil fornituri storiċi iżgħar imqiegħda taħt it-TRQ residwa milli jkomplu jesportaw matul l-istess perjodu. F'dawn iċ-ċirkostanzi, l-aċċess mhux ristrett għat-TRQ globali fl-aħħar trimestru jidher li baqa' fattur kruċjali tas-sistema tat-TRQ fl-interess tal-Unjoni li jenħtieġ li jinżamm bħala tali.

(89) Madankollu, l-analiżi tal-Kummissjoni żvelat ukoll li, f'żewġ kategoriji ta' prodotti (jiġifieri, il-kategoriji ta' prodotti 13 u 16) ([19]), żewġ pajjiżi li jibbenefikaw minn TRQ speċifika għall-pajjiż (it-Turkija u r-Russja) kienu kważi eżawrew esklussivament it-totalità tat-TRQ globali fl-aħħar trimestru tal-ewwel perjodu tal-miżuri (mill-1 ta' April sat-30 ta' Ġunju 2019), u f'xi każijiet fi ftit jiem.

(90) Dan kien il-każ b'mod partikolari fil-kategorija ta' prodotti 13 (vireg tar-rinforz), li għalihom it-TRQ globali ġiet eżawrita fis-27 ta' Mejju 2019, jiġifieri aktar minn xahar qabel it-tmiem tat-trimestru u minkejja t-trasferiment ta' 23 % tat-TRQ mhux użata mit-tielet trimestru tal-2018. Fil-fatt, il-volum disponibbli ntuża b'mod sħiħ minn żewġ pajjiżi li jibbenefikaw minn TRQ speċifika għall-pajjiż (it-Turkija u r-Russja) li kienu eskludew fornituri oħra, storikament iżgħar, li qabel kienu jużaw it-TRQ globali b'mod regolari, bħall-Belarussja u s-Serbja.

(91) Għall-kategorija ta' prodotti 16 (virga tal-wajer mhux illigati u oħrajn illigati), it-TRQ globali ġiet eżawrita fil-bidu nett tal-aħħar trimestru tal-ewwel perjodu tal-miżuri (jiġifieri, fit-2 ta' April 2019) minħabba l-użu massiv mit-Turkija u sa ċertu punt mir-Russja (dawn użaw 62 % u 33 % rispettivament tat-TRQ residwa totali disponibbli għar-raba' trimestru). Pajjiżi fornituri iżgħar, bħall-Bożnija-Ħerzegovina, il-Ġappun u l-Korea t'Isfel, għalhekk ma setgħux jesportaw aktar mingħajr ma jħallsu t-tariffa ta' 25 % 'il fuq mill-kwota ([20]).

(92) Fid-dawl ta' din l-analiżi, il-Kummissjoni sabet li, għal dawn iż-żewġ kategoriji ta' prodotti, il-mekkaniżmu stabbilit sabiex ikun żgurat li t-TRQs jintużaw kompletament wassal għal effetti mhux intenzjonati. Dan minħabba li l-mekkaniżmu fis-seħħ kien jippermetti prinċipalment lill-fornituri ewlenin li jżidu l-livell tal-esportazzjonijiet tagħhom lil hinn mill-flussi kummerċjali tradizzjonali tagħhom a skapitu ta' atturi iżgħar li kieku kienu jkomplu jesportaw sal-eżawriment tal-kwota residwa.

(93) Il-Kummissjoni qieset li dan l-iżvilupp imur kontra l-interess tal-Unjoni għal żewġ raġunijiet. L-ewwel nett, l-esklużjoni tal-pajjiżi esportaturi ż-żgħar tmur kontra l-objettiv li jiġu ppreservati l-flussi kummerċjali tradizzjonali, anki f'termini ta' oriġini. It-tieni, dan l-iżvilupp iċaħħad lill-industrija tal-utenti tal-Unjoni mill-provvista ta' ċerti tipi speċjalizzati ta' azzar taħt dawn il-kategoriji li jiġu esportati biss, f'volumi limitati, minn pajjiżi fornituri iżgħar.

(94) Għalhekk, il-Kummissjoni qieset li kien meħtieġ li jiġi stabbilit limitu massimu kwantitattiv għall-oriġini ta' prodotti individwali. Jiġifieri, matul l-aħħar trimestru taż-żewġ perjodi li fadal ta' miżuri definittivi, għall-kategoriji ta' prodotti 13 u 16 (jiġifieri l-kategoriji fejn ġew osservati effetti negattivi ta' esklużjoni), l-użu tat-TRQ globali se jkun limitat għal 30 % għal kull pajjiż fornitur. B'din il-limitazzjoni, mhux anqas minn erba' pajjiżi fornituri jistgħu jagħmlu użu mit-TRQ.

(95) Il-Kummissjoni tqis li dan il-limitu huwa xieraq għar-raġunijiet li ġejjin: id-*data* dwar l-importazzjoni valutata matul iż-żewġ trimestri soġġetti għall-miżuri definittivi fl-2019 wriet li mhux aktar minn erba' pajjiżi esportaturi (f'kull waħda miż-żewġ kategoriji) kienu esportaw ammonti minimament sinifikanti ([21]) lejn l-Unjoni. Il-Kummissjoni tqis li tali limitu massimu ma jillimitax b'mod artifiċjali l-aċċess għat-TRQ residwa għal kwalunkwe oriġini partikolari u jiggarantixxi varjetà suffiċjenti fis-sorsi ta' provvista għall-utenti fl-Unjoni.

([19]) Għall-kategorija ta' prodotti 4, l-eżawriment tat-TRQ residwa korrispondenti tagħha fir-raba' trimestru ġie valutat individwalment fit-Taqsima 2.A aktar 'il fuq.

([20]) Dawn il-pajjiżi kienu eżawrew it-TRQ globali disponibbli għall-perjodu mit-2 ta' Frar sal-31 ta' Marzu 2019.

([21]) Il-Kummissjoni tinnota li, għaż-żewġ kategoriji, mhux aktar minn erba' pajjiżi esportaturi kienu responsabbli individwalment għal mill-anqas aktar minn 1 % tal-importazzjonijiet bit-TRQ residwa fi kwalunkwe wieħed miż-żewġ trimestri rilevanti (Frar-Marzu u April-Ġunju 2019).

(96) Fil-fehma tal-Kummissjoni, dan l-aġġustament fil-mekkaniżmu tat-TRQ joħloq bilanċ xieraq bejn, minn naħa waħda, l-objettiv li jiġi massimizzat l-użu tat-TRQ u, min-naħa l-oħra, l-għan li jiġi żgurat spazju kwantitattiv minimu għall-pajjiżi fornituri iżgħar biex ikomplu jesportaw taħt it-TRQ globali mingħajr ma jiġu esklużi minn fornituri ewlenin li diġà esportaw volumi li jammontaw għall-flussi kummerċjali tradizzjonali tagħhom taħt it-TRQ tagħhom speċifika għall-pajjiż. Dan il-mekkaniżmu jiżgura wkoll li l-flussi kummerċjali tradizzjonali fil-kategoriji 13 u 16 jiġu ppreservati fl-interess tal-Unjoni, mhux biss fil-volumi iżda wkoll f'termini tal-oriġini.

(97) Xi partijiet interessati oġġezzjonaw għall-affermazzjonijiet magħmula dwar l-eżistenza ta' esklużjoni, u minflok argumentaw li l-imġiba fl-esportazzjoni ta' ċerti pajjiżi kienet sempliċiment il-konferma li t-TRQ allokata kienet aktar baxxa milli meħtieġa mis-suq.

(98) F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni nnotat, kif deskritt fit-Taqsima 2.A hawn fuq, li, abbażi tal-analiżi tagħha tad-*data* miġbura matul l-applikazzjoni tal-miżuri definittivi, il-livell ġenerali tat-TRQs jidher li sa issa huwa adegwat u li, kif spjegat fil-premessi (89) sa (93), il-Kummissjoni sabet effetti negattivi ta' esklużjoni f'żewġ kategoriji ta' prodotti biss. Għal dawn il-kategoriji tal-aħħar, hija qed timplimenta rimedju xieraq li jqis il-flussi kummerċjali tradizzjonali tal-pajjiżi fornituri kollha u jibbilanċja l-interess tal-konsum tal-Unjoni kontra dawk il-flussi kummerċjali.

2.C **Effetti detrimentali potenzjali fil-kisba tal-objettivi ta' integrazzjoni mas-sħab kummerċjali preferenzjali**

(99) Il-Kummissjoni investigat ukoll jekk il-funzjonament tal-miżuri ta' salvagwardja eżistenti tal-azzar kienx ikkawża xi riskju sostanzjali għall-istabbilizzazzjoni jew l-iżvilupp ekonomiku ta' ċerti sħab kummerċjali preferenzjali sal-punt li jkun ta' detriment għall-objettivi ta' integrazzjoni tal-ftehimiet tagħhom mal-Unjoni. Dan kien jirreferi b'mod partikolari għas-sitwazzjoni ta' ċerti pajjiżi li magħhom l-Unjoni kkonkludiet Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni.

Kummenti magħmula mill-partijiet

(100) Fl-investigazzjoni ta' Rieżami, l-Istati tal-Balkani tal-Punent – il-Bożnija-Ħerzegovina, ir-Repubblika tal-Maċedonja ta' Fuq u r-Repubblika tas-Serbja – qajmu tħassib simili u għamlu affermazzjonijiet simili għal dak it-tħassib li diġà fformulaw qabel l-adozzjoni tal-miżuri definittivi ta' salvagwardja.

(101) Dawn il-pajjiżi jsostnu li l-miżuri definittivi ta' salvagwardja qed jillimitaw l-espansjoni tal-industrija tal-azzar tagħhom u l-kapaċità tagħhom li jesportaw lejn l-Unjoni, u joħolqu riskji ta' telf ta' impjiegi, jimminaw l-iżvilupp ekonomiku tagħhom, u jikkompromettu l-objettivi ta' integrazzjoni u stabbilizzazzjoni skont il-ftehimiet tagħhom mal-Unjoni. B'mod partikolari, huma jsostnu li t-TRQ tagħhom speċifika għall-pajjiż f'ċerti kategoriji hija żgħira wisq u jenħtieġ li tiżdied. Huma jsostnu wkoll li l-allokazzjoni attwali tat-TRQs ma tippreservax il-flussi kummerċjali tradizzjonali u, għalhekk, it-TRQs jenħtieġ li jerġgħu jiġu distribwiti. Dawn il-pajjiżi jitolbu żieda fil-pass tal-liberalizzazzjoni tat-TRQs, bl-argument li d-domanda fl-Unjoni żdiedet.

(102) Is-Serbja b'mod partikolari reġgħet sostniet li l-volumi medji tal-importazzjoni tal-aħħar tliet snin użati mill-Kummissjoni biex tistabbilixxi l-livelli tat-TRQ, jiġifieri mill-2015 sal-2017, mhumiex rappreżentattivi tal-kummerċ storiku tagħha mal-Unjoni. Is-Serbja argumentat li dan huwa partikolarment minnu billi l-uniku impjant tal-azzar tagħha kien wieqaf matul dak il-perjodu u li s-sidien il-ġodda tal-impjant irnexxielhom iġibu l-produzzjoni u l-bejgħ tradizzjonali tiegħu lura għal-livelli normali biss reċentement. Is-Serbja sostniet li livell ta' kwota daqshekk aktar baxx qed jipperikola l-vijabbiltà tal-impjant u jipproduċi effetti negattivi serji għall-iżvilupp tar-reġjun tal-Balkani tal-Punent kollu kemm hu. Fl-aħħar nett, l-Istati tal-Balkani tal-Punent jitolbu wkoll li, abbażi tar-relazzjonijiet speċjali tagħhom mal-Unjoni, huma għandhom jiġu eskluži mill-kamp ta' applikazzjoni tal-miżuri fuq l-istess bażi bħall-pajjiżi li huma membri taż-Żona Ekonomika Ewropea ("ŻEE").

(103) B'mod alternattiv, huma għamlu diversi affermazzjonijiet u talbiet għal kategoriji ta' prodotti speċifiċi, jiġifieri: 1, 2, 5, 6, 16, 20 u 21.

Analiżi tal-Kummissjoni

(104) Fir-rigward tat-talba biex jiġu eskluži mill-ambitu tal-miżuri, il-Kummissjoni tixtieq tfakkar li, skont l-Artikolu 2 tal-Ftehim tad-WTO dwar is-Salvagwardji, il-miżuri ta' salvagwardja għandhom jiġu applikati għall-prodott investigat li jkun impurtat irrispettivament mis-sors. L-uniċi eċċezzjonijiet għal dawn ir-regoli jikkonċernaw is-sitwazzjoni speċifika ta' ċerti membri ta' pajjiżi li qed jiżviluppaw, jew – skont il-każ – l-obbligi li jirriżultaw minn ftehimiet bilaterali. F'dan il-każ, madankollu, il-Ftehimiet ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni li l-UE kkonkludiet mal-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent instabu li jikkonfermaw li l-importazzjonijiet jistgħu jkunu soġġetti għal miżuri ta' salvagwardja meħudin skont il-Ftehim tad-WTO dwar is-Salvagwardji.

(105) Rigward it-talbiet għal żieda fit-TRQ f'għadd ta' kategoriji ta' prodotti għar-raġuni allegata ta' żieda fid-domanda, il-Kummissjoni diġà indirizzat dawn l-affermazzjonijiet fl-analiżi dettaljata tagħha tal-użu tat-TRQ deskritta fit-Taqsima 2.A hawn fuq. Il-Kummissjoni kkonkludiet li l-livell tal-kwoti huwa adegwat u proporzjonat biex jinżammu l-flussi kummerċjali tradizzjonali u li ma kien hemm l-ebda evidenza ta' żieda sostanzjali fid-domanda tal-Unjoni li tiġġustifika bidla fil-livell tat-TRQ. Barra minn hekk, il-fatt li fil-biċċa l-kbira tal-kategoriji ta' prodotti kien għad hemm volumi disponibbli fit-tmiem tal-ewwel sena tal-applikazzjoni tal-miżuri ta' salvagwardja (it-30 ta' Ġunju 2019) kien ifisser li dawn il-miżuri ġeneralment ma llimitawx il-kapaċità tal-pajjiżi terzi li jesportaw l-azzar lejn l-Unjoni. Għalhekk, il-Kummissjoni ma setgħetx tikkonkludi li t-TRQ attwali kkawżat effett detrimentali biex jintlaħqu l-objettivi previsti ta' integrazzjoni.

(106) Wieħed mill-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent sostna li jenħtieġ li l-miżuri jiggarantixxu ċertu volum ta' esportazzjonijiet – b'mod partikolari fil-kategoriji ta' prodotti 1 u 6 – li huwa qies neċessarju biex l-industrija domestika tiegħu tinżamm vijabbli u l-ekonomija tiegħu tibqa' stabbli. Madankollu, l-analiżi tal-użu ta' TRQ individwali f'dawn iż-żewġ kategoriji ta' prodotti wriet li l-kapaċità tal-pajjiżi li jesportaw lejn l-UE ma kinitx limitata b'mod eċċessiv bil-miżuri. Fil-fatt, il-volumi medji esportati minn dan il-pajjiż fit-tielet u r-raba' trimestru tal-ewwel sena tal-applikazzjoni tal-miżuri ta' salvagwardja (mit-2 ta' Frar sat-30 ta' Ġunju 2019) kienu jindikaw li l-esportazzjonijiet tiegħu saħansitra ssuperaw il-projezzjonijiet preċedenti tiegħu.

(107) Fir-rigward tal-kategoriji ta' prodotti 6, 20, u 21, il-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent li eżawrew it-TRQ tagħhom speċifika għall-pajjiż sostnew li kienet meħtieġa żieda fit-TRQ tagħhom biex tikkumpensa għall-effett negattiv tal-miżuri ta' salvagwardja fuq l-ekonomiji tagħhom.

(108) Wara dawk l-affermazzjonijiet, il-Kummissjoni wettqet analiżi fil-fond tax-xejra sottostanti għall-eżawriment tagħhom tat-TRQ ikkonċernata u l-użu tat-TRQ residwa fl-aħħar trimestru tal-ewwel sena tal-miżuri (mill-1 ta' April sat-30 ta' Ġunju 2019). Din l-analiżi wriet li għalkemm xi pajjiżi tal-Balkani tal-Punent kienu tabilħaqq eżawrew it-TRQ tagħhom speċifika għall-pajjiż qabel it-tmiem tal-ewwel perjodu tal-miżuri (jiġifieri, qabel it-30 ta' Ġunju 2019), huma setgħu jkomplu jesportaw lejn l-Unjoni taħt il-kwoti residwi rilevanti sakemm jispiċċaw, u dan seħħ biss ftit ġimgħat qabel il-ħruġ tal-kwoti l-ġodda għat-tieni perjodu tal-miżuri fl-1 ta' Lulju 2019. Dan il-fatt, flimkien mal-marġni addizzjonali ta' esportazzjoni pprovduta miż-żieda fil-kwota b'riżultat tal-liberalizzazzjoni tal-miżuri mill-1 ta' Lulju 2019, wassal lill-Kummissjoni biex tikkonkludi li dawn l-affermazzjonijiet mhumiex issostanzjati b'mod suffiċjenti u li ma kienx hemm il-ħtieġa li tiżdied it-TRQ korrispondenti.

(109) Barra minn hekk, il-Kummissjoni osservat li l-aġġustamenti għall-funzjonament tas-sistema tat-TRQ proposti f'taqsimiet preċedenti (2.A u 2.B) – bħal-limitazzjoni ta' 30 % għal kull pajjiż għall-użu tat-TRQ globali għall-kategoriji ta' prodotti 1, 13, u 16 ([22]) –, li se jidħlu fis-seħħ bħala riżultat ta' dan ir-rieżami, fi kwalunkwe każ se jikkontribwixxu wkoll biex jindirizzaw parti mit-tħassib imqajjem mill-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent, b'mod partikolari fir-rigward tal-protezzjoni tal-flussi tradizzjonali ta' esportazzjoni mill-forniturи storiċi tal-Unjoni.

(110) Fl-aħħar nett, pajjiż wieħed sostna li għandha tiġi allokata TRQ speċifika għall-pajjiż fil-kategorija ta' prodotti 16, abbażi tal-volum tal-esportazzjoni tiegħu fl-2017, li kien daqsxejn ogħla mil-limitu ta' 5 %. Madankollu, kif diġà spjegat mill-Kummissjoni fil-premessa (147) tar-Regolament (UE) 2019/159, l-allokazzjoni ta' TRQs speċifiċi għall-pajjiż għall-pajjiżi esportaturi kollha hija bbażata fuq il-medja tal-importazzjonijiet matul l-aħħar tliet snin, jiġifieri mill-2015 sal-2017, u mhux esklussivament fuq l-aħħar sena ta' dan il-perjodu. Għalhekk, din it-talba ma setgħetx tiġi aċċettata.

2.D **Aġġornament tal-lista tal-pajjiżi membri tad-WTO li qegħdin jiżviluppaw eskluži mill-ambitu tal-miżuri abbażi tal-istatistika aġġornata dwar l-importazzjonijiet**

(111) F'konformità mal-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) 2015/478 u mal-obbligi internazzjonali tal-Unjoni, jiġifieri l-Artikolu 9.1 tal-Ftehim tad-WTO dwar is-Salvagwardji, il-miżuri ta' salvagwardja ma għandhom japplikaw għall-ebda prodott li joriġina minn pajjiż membru tad-WTO li qiegħed jiżviluppa sakemm is-sehem tiegħu fl-importazzjonijiet ta' dak il-prodott fl-Unjoni ma jaqbiżx it-3 %, dment li l-pajjiżi membri tad-WTO li qegħdin jiżviluppaw u li jkollhom sehem fl-importazzjoni ta' anqas minn 3 % jakkontaw b'mod kollettiv għal mhux aktar minn 9 % tal-importazzjonijiet totali tal-Unjoni tal-prodott interessat. Barra minn hekk, huwa fl-interess tal-Unjoni li tadatta l-lista tal-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw eskluži mill-ambitu tal-miżuri sabiex tevita li ċerti pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw jibbenefikaw b'mod mhux ġustifikabbli mill-esklużjoni oriġinali.

([22]) Kif spjegat fit-taqsima 2.B, għall-kategoriji 13 u 16, il-limitu ta' 30 % huwa applikabbli biss fir-raba' trimestru tal-perjodu rilevanti (mill-1 ta' April sat-30 ta' Ġunju).

(112) Wara l-adozzjoni tal-miżuri definittivi ta' salvagwardja permezz tar-Regolament (UE) 2019/159, il-Kummissjoni impenjat ruħha li tirrieżamina, fuq bażi regolari, il-lista tal-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw potenzjalment esklużi mill-ambitu tal-miżuri abbażi ta' statistika aġġornata dwar l-importazzjoni.

(113) Biex tistabbilixxi l-lista ta' esklużjonijiet mill-miżuri definittivi, il-Kummissjoni użat l-aktar *data* reċenti li kienet disponibbli dak iż-żmien, jiġifieri t-tieni nofs tal-2017 u l-ewwel nofs tal-2018. Għall-finijiet tal-aġġornament ta' din il-lista bħala parti mill-investigazzjoni ta' rieżami, il-Kummissjoni użat sett ta' statistika aktar aġġornat u kkonsolidat, jiġifieri s-sena 2018 sħiħa. Il-Kummissjoni ħadet is-sena 2018 sħiħa bħala l-perjodu ta' referenza l-ġdid minħabba li huwa l-aktar perjodu rappreżentattiv bi statistika konsolidata. Barra minn hekk, l-użu tas-sena sħiħa jevita kwalunkwe effett ta' staġjonalità. Għall-kalkoli rilevanti, l-importazzjonijiet mill-pajjiżi esklużi skont l-Artikolu 6 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/159 ma ġewx ikkunsidrati.

Analiżi tal-Kummissjoni

(114) Abbażi tad-*data* tas-sena 2018 sħiħa, l-importazzjonijiet mill-pajjiżi li ġejjin – li sa issa kienu esklużi mill-ambitu tal-miżura – qabżu l-limitu ta' 3 % f'ċerti kategoriji ta' prodotti. Għalhekk, bħala riżultat ta' dan ir-rieżami, huma issa għandhom ikunu soġġetti għall-miżuri:

(115) L-importazzjonijiet mill-Indoneżja fil-kategoriji ta' prodotti 8 (Folji u Strixxi tal-Azzar Inossidabbli Llaminati bis-Sħana) u 9 (Folji u Strixxi tal-Azzar Inossidabbli Llaminati bil-Kesħa), li jirrappreżentaw 10,12 % u 3,77 %, rispettivament;

(116) Fir-rigward tal-kategorija ta' prodotti 24 (Tubi Seamless Oħra), is-sehem globali tal-importazzjonijiet tal-pajjiżi kollha li qegħdin jiżviluppaw taħt it-3 % meħudin flimkien qabeż il-limitu ta' 9 % fl-2018 (10,74 %). Għalhekk, l-importazzjonijiet tal-kategorija ta' prodotti 24 mill-pajjiżi kollha li qegħdin jiżviluppaw se jkunu soġġetti għal miżuri ta' salvagwardja.

(117) Il-Kummissjoni mbagħad ivvalutat jekk, għall-kategoriji 8, 9 u 24, il-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw ikkonċernati jikkwalifikawx għal TRQ speċifika għall-pajjiż ([23]). Għal dan il-għan, il-Kummissjoni vvalutat jekk fil-perjodu 2015-2017, l-importazzjonijiet ta' dawn il-kategoriji mill-pajjiżi kkonċernati kinux jammontaw għal mill-inqas 5 % tal-importazzjonijiet totali f'dak il-perjodu fi kwalunkwe kategorija. Ir-riżultat wera li l-ebda waħda minnhom ma kienet tikkwalifika għal TRQ speċifika għall-pajjiż. Għalhekk, dawn il-pajjiżi kollha se jaqgħu taħt it-TRQ residwa fil-kategoriji rispettivi.

(118) Fir-rigward tal-esklużjonijiet mill-ambitu tal-miżuri ta' salvagwardja, ir-riżultat ta' dan ir-rieżami huwa dan li ġej:

(119) L-importazzjonijiet mill-Brażil fil-kategoriji ta' prodotti 8 (Folji u Strixxi tal-Azzar Inossidabbli Llaminati bis-Sħana) u 17 (Angoli, Forom u Qatgħat tal-Ħadid jew tal-Azzar Mhux Illigat) se jiġu esklużi mill-ambitu tal-miżuri, billi fl-2018 il-livell tal-importazzjonijiet niżel taħt it-3 % (2,22 % u 2,52 %, rispettivament).

(120) L-importazzjonijiet mill-Ukrajna fil-kategoriji ta' prodotti 1 (Folji u Strixxi Mhux Illigati u Oħrajn Illigati Llaminati bis-Sħana) u 19 (Materjali tal-Ferrovija) mhux se jkunu soġġetti għall-miżuri, billi fl-2018 il-livell tal-importazzjonijiet niżel taħt it-3 % (1,68 % u 0,6 %, rispettivament).

(121) L-importazzjonijiet mill-Eġittu fil-kategorija ta' prodotti 12 (Forom tal-Metall u Forom Ħfief Mhux Illigati u Oħrajn Illigati) mhux se jkunu soġġetti għall-miżuri, billi fl-2018 il-livell tal-importazzjonijiet niżel taħt it-3 % (2,41 %).

(122) L-importazzjonijiet mill-Indja fil-kategorija ta' prodotti 8 (Folji u Strixxi tal-Azzar Inossidabbli Llaminati bis-Sħana) mhux se jkunu soġġetti għall-miżuri ta' salvagwardja, billi fl-2018 il-livell tal-importazzjonijiet niżel taħt it-3 % (2,87 %).

(123) L-importazzjonijiet mit-Turkija fil-kategorija ta' prodotti 10 (Pjanċi Kwarto Inossidabbli Llaminati bis-Sħana) mhux se jkunu soġġetti għall-miżuri ta' salvagwardja, billi fl-2018 il-livell tal-importazzjonijiet niżel taħt it-3 % (2,58 %).

(124) L-importazzjonijiet miċ-Ċina fil-kategorija ta' prodotti 22 (Tubi u Pajpijiet Stainless Seamless) mhux se jkunu soġġetti għall-miżuri ta' salvagwardja, billi fl-2018 il-livell tal-importazzjonijiet niżel taħt it-3 % (2,61 %).

(125) It-TRQs speċifiċi għall-pajjiż ta' dawk il-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw li huma membri tad-WTO, li se jiġu esklużi mill-miżuri wara r-rieżami, se jiġu trasferiti għat-TRQ residwa rilevanti. L-ammont kwantitattiv preċiż tat-TRQ li għandu jiġi trasferit se jiġi kkalkulat ladarba jkun lest l-ewwel trimestru tal-perjodu rilevanti (jiġifieri, mill-1 ta' Lulju sat-30 ta' Settembru 2019), sabiex jiġi valutat kemm mit-TRQ speċifika għall-pajjiż seta' diġà ntuża. Ladarba jitwettaq il-kalkolu, it-TRQ disponibbli tiġi trasferita għat-TRQ residwa rilevanti fi żmien 20 jum tax-xogħol.

([23]) Dan l-approċċ ma kienx applikabbli għall-kategoriji 1 u 25, minħabba li dawn jikkonsistu minn TRQ residwa.

(126) Wara dan l-eżerċizzju ta' kalkolu mill-ġdid, il-Kummissjoni aġġornat il-lista tal-esklużjonijiet abbażi taċ-ċifri aġġornati tal-importazzjonijiet kif spjegat fil-premessi (114) sa (124) għal kull waħda mis-26 kategorija ta' prodotti soġġetti għall-miżuri (il-lista aġġornata sħiħa tinsab fl-Anness II).

(127) Il-Kummissjoni rċeviet diversi sottomissjonijiet oħra dwar din il-kwistjoni tar-rieżami. B'mod partikolari, il-partijiet ipproponew li jintgħażlu perjodi differenti sabiex jiġi kkalkulat l-ammont tal-importazzjonijiet. Xi partijiet talbu wkoll li jiġu eżentati minkejja li jirrikonoxxu li jistgħu jaqbżu l-limitu rilevanti. Partijiet oħra, li sa issa kienu esklużi mill-miżuri ta' salvagwardja sostnew li għandhom jingħataw perjodu biex jaġġustaw għas-sitwazzjoni l-ġdida li fiha jkunu soġġetti għall-miżuri. Waħda mill-partijiet interessati sostniet li l-Kummissjoni ma tkunx tista' tagħmel kwalunkwe pajjiż li qiegħed jiżviluppa li qabel kien eskluż, soġġett għall-miżuri, billi dan imur kontra l-obbligi tad-WTO li l-miżura ssir progressivament anqas restrittiva matul iċ-ċiklu ta' ħajja tagħha. Fl-aħħar nett, xi partijiet interessati talbu li jiksbu TRQ speċifika għall-pajjiż jekk ikunu soġġetti għall-miżuri ta' salvagwardja.

(128) Il-Kummissjoni nnotat dan li ġej. L-ewwel nett, fir-Regolament (UE) 2019/159, kif ukoll fin-Notifika ta' Bidu tal-Investigazzjoni ta' Rieżami, il-Kummissjoni għamlitha ċara li se taġġorna l-lista tal-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw li se jkunu eżentati mill-miżuri definittivi abbażi ta' *data* disponibbli aktar reċentement. Għalhekk, il-partijiet interessati kollha ġew mgħarrfa minn ħafna qabel li kienet se ssir reviżjoni bħal din. Barra minn hekk, il-Kummissjoni bbażat ruħha fuq *data* tal-importazzjoni disponibbli pubblikament. Għaldaqstant il-partijiet interessati kollha setgħu raġonevolment jantiċipaw jekk kinux probabbli li se jkunu soġġetti għall-miżuri minħabba l-iżvilupp aktar reċenti tagħhom tal-importazzjonijiet f'kategorija ta' prodotti partikolari. Għalhekk, l-affermazzjonijiet li se jkun meħtieġ perjodu ta' aġġustament huma rifjutati.

(129) It-tieni, f'konformità mal-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) 2015/478, li jirrifletti l-Artikolu 9.1 tal-Ftehim tad-WTO dwar is-Salvagwardji, l-importazzjonijiet ta' tali pajjiżi għandhom jiġu esklużi mill-miżuri kkonċernati "*sakemm is-sehem ta' dan il-pajjiż fl-importazzjonijiet tal-prodott fil-kwistjoni fl-Unjoni ma jaqbiżx it-3 %, dment li l-pajjiżi membri tad-WTO li qegħdin jiżviluppaw u li jkollhom sehem fl-importazzjoni ta' inqas minn 3 % jakkontaw b'mod kollettiv għal mhux aktar minn 9 % tal-importazzjonijiet totali tal-Unjoni tal-prodott interessat*".

(130) Għalhekk, l-eżenzjoni għall-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw mhijiex inkondizzjonata għad-durata sħiħa tal-miżuri. Kien fuq din il-bażi li l-Kummissjoni ddeċidiet li tirrieżamina l-lista ta' eżenzjonijiet fuq il-bażi ta' *data* aktar reċenti. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ma setgħetx taċċetta l-affermazzjoni li pajjiż eskluż fl-istadju tal-adozzjoni tal-miżuri definittivi, ma setax isir soġġett għall-miżuri fil-qafas tar-rieżami minħabba li dan ikun aktar restrittiv. Fil-fatt, il-Kummissjoni nnotat li l-miżuri definittivi ta' salvagwardja kienu qegħdin jiġu liberalizzati progressivament, inkluż bħala riżultat tar-rieżami (ara t-Taqsima 2.E). Il-miżuri kkonċernati għalhekk mhumiex aktar restrittivi milli fit-tmiem tal-ewwel sena tal-miżuri. Il-fatt li pajjiż li qiegħed jiżviluppa li ma jkunx għadu jissodisfa l-kriterji legali biex jiġi eskluż, isir soġġett għall-miżuri huwa s-sempliċi ssodisfar tal-obbligi tal-UE u tad-WTO skont l-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) 2015/478 u l-Artikolu 9.1 tal-Ftehim tad-WTO dwar is-Salvagwardji. Għaldaqstant, din l-affermazzjoni ma ntlaqgħetx.

(131) Il-Kummissjoni fakkret ukoll li sakemm il-limiti rilevanti kienu ssodisfati, hija ma kellha l-ebda diskrezzjoni biex tiddeċiedi jekk pajjiż għandux isir soġġett għall-miżuri jew le. Kwalunkwe interpretazzjoni oħra, kif issuġġerita minn xi partijiet interessati, tkun qed tikser l-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) 2015/478.

(132) Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni vvalutat jekk xi wieħed mill-pajjiżi li issa qed isiru soġġetti għall-miżuri f'kategorija ta' prodotti partikolari jikkwalifikax għal TRQ speċifika għall-pajjiż. Kif innotat fil-premessa (117) aktar 'il fuq, hija waslet għall-konklużjoni li l-ebda wieħed minn dawn il-pajjiżi ma kien jissodisfa l-kundizzjonijiet għal TRQ speċifika għall-pajjiż.

2.E **Bidliet oħra fiċ-ċirkostanzi li jistgħu jirrikjedu aġġustament fil-livell ta' allokazzjoni tat-TRQ**

(133) Il-EUROFER u xi Stati Membri talbu li l-Kummissjoni tneħħi jew tnaqqas il-liberalizzazzjoni tal-miżuri definittivi ta' salvagwardja minħabba allegat staġnar fis-suq tal-Unjoni għall-azzar. Skont il-EUROFER, dawn il-livelli ta' liberalizzazzjoni fil-biċċa l-kbira qabżu l-prospetti ta' tkabbir għas-settur tal-azzar tal-Unjoni u għalhekk jimminaw serjament l-effettività tal-miżuri. L-ESTA appoġġat ukoll din it-talba mill-EUROFER u ssuġġeriet li, bi skambju għat-tneħħija tal-liberalizzazzjoni, il-Kummissjoni tnaqqas it-tariffa 'l fuq mill-kwota minn 25 % għal 20 %.

(134) Il-Kummissjoni fakkret li r-Regolament (UE) 2019/159 stabbilixxa li, sabiex dawn il-miżuri jiġu liberalizzati progressivament, il-livelli tal-kwoti kollha ħielsa mid-dazju se jiżdiedu b'5 % fit-tmiem tal-ewwel sena u fit-tmiem tat-tieni sena tal-miżuri. Jiġifieri, fl-1 ta' Lulju 2019 u fl-1 ta' Lulju 2020 rispettivament ([24]).

(135) Il-Kummissjoni fakkret ukoll li l-għan tar-rieżami preżenti kien preċiżament li jagħmel kwalunkwe aġġustament xieraq għall-miżuri li jista' jkun meħtieġ biex dawn il-miżuri ta' salvagwardja jinżammu adattati għall-evoluzzjoni tas-suq tal-azzar tal-UE, abbażi tal-interess tal-Unjoni.

(136) L-Artikolu 5 (1) tal-Ftehim tad-WTO dwar is-Salvagwardji jistipula li: "*Membru għandu jissalvagwardja miżuri biss sa fejn u sakemm meħtieġa għalbiex jipprevjenu jew jirrimedjaw inġurja gravi u għalbiex jiffaċilitaw l-aġġustament*". Dan il-prinċipju huwa traspost fil-liġi tal-UE permezz tal-Artikolu 15 (1) tar-Regolament (UE) 2015/478. Min-naħa tiegħu, l-Artikolu 7(1) tal-Ftehim tad-WTO dwar is-Salvagwardji jispeċifika li l-miżuri ta' salvagwardja għandhom jiġu applikati "*biss għal dak il-perjodu taż-żmien li jista' jkun meħtieġ għalbiex jipprevjeni jew jirrimedja inġurja gravi u jiffaċilita l-aġġustament*". L-Artikolu 19 (1) u (2) tar-Regolament (UE) 2015/478 jittrasponi dan il-prinċipju fil-liġi tal-UE. L-Artikolu 7 (4) tal-Ftehim tad-WTO dwar is-Salvagwardji jobbliga lill-membri li japplikaw il-miżuri ta' salvagwardja sabiex jilliberalizzawhom progressivament f'intervalli regolari bil-għan li "*jiġi ffaċilitat l-aġġustament (…) f'sitwazzjoni meta t-tul taż-żmien mistenni ta' miżura tas-salvagwardja (...) ikun iktar minn sena*". L-istess rekwiżit jinsab fl-Artikolu 19 (2) tar-Regolament (UE) 2015/478.

(137) Għalkemm il-liberalizzazzjoni ta' miżura ta' salvagwardja wara l-ewwel sena ta' applikazzjoni tagħha hija obbligu legali skont il-liġi tal-Unjoni u tad-WTO, dawk ir-regoli ma jistabbilixxu l-ebda rekwiżit partikolari dwar il-forma jew il-pass konkret tal-liberalizzazzjoni, għajr li dik il-liberalizzazzjoni għandha sseħħ progressivament f'intervalli regolari matul il-perjodu ta' applikazzjoni.

(138) Madankollu, fi kwalunkwe każ, u bħala kwistjoni ta' konsistenza, il-liberalizzazzjoni ta' kwalunkwe miżura ta' salvagwardja, kemm fil-forma kif ukoll fil-pass, jenħtieġ li ma timminax l-effett maħsub tal-miżuri ta' salvagwardja nfushom. Dan minħabba li jenħtieġ li l-miżuri jipproteġu s-suq domestiku mill-importazzjonijiet sakemm ikun meħtieġ li jiġi evitat jew rimedjat dannu serju u li jiġi ffaċilitat l-aġġustament, kif jippermetti l-Artikolu 7 (1) tal-Ftehim tad-WTO dwar is-Salvagwardji. Ikun inkongruwenti kieku t-termini tal-liberalizzazzjoni tal-miżuri kkonċernati jfixklu dan l-objettiv.

(139) Sabiex tivvaluta l-konsistenza ta' pass ta' liberalizzazzjoni ta' 5 % + 5 % tal-limitu kwantitattiv tat-TRQ mal-miżuri ta' salvagwardja eżistenti, il-Kummissjoni qieset li kien meħtieġ li tintegra żewġ tipi ta' analiżijiet. Minn naħa, il-Kummissjoni wettqet analiżi retrospettiva li fittxet li tivvaluta, fid-dawl tal-informazzjoni kollha miġbura matul l-investigazzjoni ta' rieżami, l-adegwatezza tal-limitu kwantitattiv eżistenti tat-TRQ għall-prevenzjoni u r-rimedju għal dannu serju lill-industrija tal-azzar tal-UE. Min-naħa l-oħra, il-Kummissjoni fittxet li twettaq analiżi li tħares 'il quddiem li tverifikat jekk il-liberalizzazzjoni maħsuba ta' 5 % + 5 % tkunx konformi mal-previżjoni tal-prospetti ekonomiċi u industrijali ġenerali l-aktar riċenti fl-Unjoni.

(140) F'dan ir-rigward, ta' min ifakkar li r-Regolament (UE) 2019/159 ħa l-importazzjonijiet medji tal-perjodu 2015-2017 bħala l-bażi għall-kalkolu tal-limitu kwantitattiv tat-TRQ matul l-ewwel sena tal-miżuri. Din il-medja ġiet miżjuda b'żieda ta' 5 % biex tieħu kont taż-żieda fid-domanda fis-suq tal-UE. Dan irriżulta, *de facto*, f'livell kwantitattiv li kien kważi l-volum tal-importazzjonijiet kollha għall-prodotti soġġetti għall-miżuri matul is-sena kalendarja 2017 (30,1 miljun tunnellata bħala limitu kwantitattiv f'kuntrast ma' 30,09 miljun tunnellata ta' importazzjonijiet matul is-sena 2017). Abbażi tal-evidenza miġbura għall-perjodu ta' investigazzjoni (jiġifieri, għall-perjodu 2013-2017), il-Kummissjoni sabet li x-xejra li wasslet għal dan il-livell ta' importazzjonijiet kienet poġġiet lill-industrija tal-azzar tal-UE f'sitwazzjoni ta' theddida ta' dannu serju ([25]).

(141) L-analiżi fir-Regolament (UE) 2019/159 (li kienet ibbażata fuq id-*data* dak iż-żmien l-aktar reċenti ta' wara l-2017, jiġifieri d-*data* statistika sa Settembru 2018) ikkonfermat li żieda oħra fl-importazzjonijiet kienet iggravat il-prospettiva tal-industrija tal-Unjoni ([26]).

([24]) Ara l-premessa (188) tar-Regolament (UE) 2019/159.
([25]) It-Taqsima 5.1 sa 5.5 tar-Regolament definittiv.
([26]) It-Taqsima 5.6 tar-Regolament definittiv.

(142) Minkejja dan, statistika affidabbli dwar l-importazzjoni għall-importazzjonijiet totali tal-prodotti tal-azzar matul is-sena kalendarja 2018 kienet disponibbli biss wara l-ewwel trimestru tal-2019 (jiġifieri, madwar tliet xhur wara li l-Kummissjoni kienet iddeċidiet il-miżuri definittivi ta' salvagwardja). Din l-istatistika wriet li l-importazzjonijiet totali ta' prodotti tal-azzar soġġetti għall-miżuri laħqu rekord ta' 33,4 miljun tunnellata fl-2018, ferm aktar mil-livell totali ta' importazzjonijiet milħuq matul is-sena 2017 kif ukoll ferm aktar mil-limitu kwantitattiv medju determinat abbażi tal-perjodu ta' investigazzjoni ([27]).

(143) Fid-dawl ta' dawn is-sejbiet, kieku l-Kummissjoni kellha tikkonferma l-pass ta' liberalizzazzjoni ta' 5 % + 5 % tar-Regolament (UE) 2019/159, il-volum totali ta' kwoti disponibbli għat-tieni u t-tielet sena tal-miżuri (jiġifieri, 2019-2020 u 2020-2021) ikun ta' 31,6 miljun tunnellata u 33,2 miljun tunnellata rispettivament. Dak it-tip ta' xenarju ta' liberalizzazzjoni jkun ifisser li, matul it-tielet sena ta' applikazzjoni tal-miżuri ta' salvagwardja (jiġifieri, mill-1 ta' Lulju 2020 sat-30 ta' Ġunju 2021), il-Kummissjoni tippermetti li l-importazzjonijiet jilħqu kważi l-istess volum bħal dak imkejjel fl-2018 (jiġifieri, madwar 33,4 miljun tunnellata). Dak il-volum ikun 3,3 miljun tunnellata ogħla mil-livell tal-2017 li l-Kummissjoni qisitu bħala li jikkawża theddida ta' dannu serju, u, bħala tali, ifixkel b'mod qawwi l-funzjonament tas-suq tal-Unjoni.

(144) L-aċċettazzjoni awtomatika ta' dak il-livell ta' importazzjonijiet, mingħajr il-kapaċità li jiġu valutati l-effetti potenzjali ta' dawk l-importazzjonijiet, għalhekk tikkompromietti l-effett utli tal-miżuri kkonċernati. Fil-fatt, kif enfasizza r-Regolament definittiv ([28]), il-livell tal-importazzjonijiet tal-2018 fih devjazzjoni sostanzjali tal-kummerċ ikkawżata mill-miżuri tal-Artikolu 232 tal-Istati Uniti, kif ukoll importazzjonijiet barra mill-miżuri li ma setgħux ġew ikkunsidrati fit-tħejjija tal-miżuri provviżorji f'Lulju 2018 (inklużi livelli sinifikanti ta' volumi li daħlu fis-suq tal-Unjoni taħt il-klawżola tat-tbaħħir li tinsab fl-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2018/1013 ([29]).

(145) Fi kliem ieħor, fid-dawl tas-sett ta' *data* sħiħ tal-2018, il-pass ta' liberalizzazzjoni ta' 5 % + 5 % ikun inkonsistenti mal-miżuri definittivi ta' salvagwardja imposti sabiex jiġu indirizzati importazzjonijiet sostanzjali mhux previsti tal-prodott ikkonċernat. Jekk il-liberalizzazzjoni tal-miżuri definittivi ma tiġix aġġustata, il-Kummissjoni tippermetti livell bla preċedenti ta' importazzjonijiet tal-azzar fl-Unjoni matul it-tielet sena tal-miżuri, mingħajr il-possibbiltà li tindirizza dak il-volum distortiv ta' importazzjonijiet, u b'hekk potenzjalment tassisti biex it-"theddida ta' dannu serju" tkompli timmaterjalizza.

(146) Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li liberalizzazzjoni kumulattiva ta' 5 % + 5 %, kif mitluba mill-partijiet interessati, mingħajr il-possibbiltà ta' rieżami tal-effetti li jirriżultaw minn dik il-liberalizzazzjoni, jenħtieġ li titqies sproporzjonata sabiex "*jipprevjeni jew jirrimedja dannu serju u sabiex jiffaċilita l-aġġustament*" fis-sens tal-Artikolu 7 (1) tal-Ftehim tad-WTO dwar is-Salvagwardji u l-Artikolu 19 (1) u (2) tar-Regolament (UE) 2015/478.)

(147) Konsegwentement, il-Kummissjoni qieset li kien meħtieġ li tnaqqas ir-rata ta' liberalizzazzjoni attwalment mistennija. F'dan ir-rigward, perċentwal kumulattiv ta' 3 % + 3 % għat-tieni u t-tielet sena tal-applikazzjoni tal-miżuri ta' salvagwardja huwa meqjus bħala xierqa. Fil-fatt, din ir-rata anqas qawwija ta' liberalizzazzjoni se jkollha l-effett li l-livell totali ta' kwoti matul it-tielet sena tal-miżuri se jibqa' ta' 31,6 miljun tunnellata, jiġifieri 1,5 miljun tunnellata anqas mir-rekord distort tal-2018. Għandu jiġi nnotat ukoll li dan l-aġġustament jippreserva b'mod sħiħ l-effett ta' liberalizzazzjoni, billi, b'din ir-rata ta' liberalizzazzjoni, il-livell tal-kwoti matul it-tieni sena ta' applikazzjoni tal-miżuri ta' salvagwardja jkun ta' 31 miljun tunnellata (u għalhekk jirrappreżenta madwar miljun tunnellata aktar mil-livell ta' importazzjonijiet imkejjel matul l-2017). Il-Kummissjoni qieset li din ir-rata tirrappreżenta sforz distribwit b'mod aktar ugwali biex jiġi faċilitat l-aġġustament għall-industrija tal-Unjoni, b'żidiet fil-kwota ta' 0,9 u 0,9 fit-tmiem tal-ewwel u t-tieni sena tal-miżuri (jiġifieri, fit-30 ta' Ġunju 2019 u fit-30 ta' Ġunju 2020). Minn hemm 'il quddiem, l-importazzjonijiet jitħallew jiżdiedu b'1,5 miljun tunnellata biex possibbilment jilħqu l-livell tal-2018 biss wara t-tneħħija kompleta tal-miżuri definittivi wara l-perjodu ta' tliet snin previst fil-liġi tad-WTO u tal-Unjoni.

(148) Fl-aħħar nett għandu jiġi nnotat li, jekk wieħed iħares 'il quddiem, din ir-rata mnaqqsa ta' liberalizzazzjoni hija konformi mal-prospettivi ekonomiċi u industrijali ppubblikati dan l-aħħar, li jipprevedu tnaqqis fit-tkabbir għall-Unjoni u għall-ekonomija dinjija.

([27]) Il-pajjiżi esportaturi ewlenin li mexxew iż-żieda fl-importazzjoni fl-2018 kienu: it-Turkija, ir-Russja u t-Tajwan, bi 2,7, 0,9 u 0,5 miljun tunnellata, rispettivament, aktar mil-livelli korrispondenti tagħhom tal-2017.

([28]) Il-premessa (179) tar-Regolament definittiv.

([29]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1013 tas-17 ta' Lulju 2018 li jimponi miżuri proviżorji ta' salvagwardja fir-rigward tal-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-azzar

(149) Għalhekk, fil-Perspettiva Ekonomika Dinjija tiegħu ta' April 2019, il-FMI ddikjara: "*It-tkabbir globali huwa mistenni jimmodera minn 3,6 fil-mija fl-2018 għal 3,3 fil-mija fl-2019, u mbagħad jerġa' lura għal 3,6 fil-mija fl-2020. It-tkabbir fiż-żona tal-euro hu mistenni li jimmodera minn 1,8 fil-mija fl-2018 għal 1,3 fil-mija fl-2019 (0,6 ta' punt perċentwali anqas minn dak ipproġettat f'Ottubru) u 1,5 fil-mija fl-2020. Għalkemm it-tkabbir huwa mistenni li jirkupra fl-ewwel nofs tal-2019 hekk kif xi whud mill-fatturi temporanji li żammew l-attività lura jisfumaw fix-xejn, ir-riport mid-dgħufija fit-tieni nofs tal-2018 huwa mistenni li jżomm ir-rata tat-tkabbir tal-2019 baxxa*".

(150) Min-naħa tagħha, fit-Tbassir Ekonomiku tar-Rebbiegħa riċenti tagħha, il-Kummissjoni osservat kif ġej: "*Minn 1,9 % fl-2018, it-tkabbir tal-PDG fiż-żona tal-euro hu previst li jimmodera għal 1,2 % din is-sena u li jirkupra għal 1,5 % fl-2020, meta r-rata ta' tkabbir se tkun komplimentata minn għadd akbar ta' ġranet tax-xogħol. Il-PDG fl-Istati Membri kollha huwa mistenni li jikber matul il-perjodu previst. Madankollu, minħabba d-dgħufija lejn l-aħħar tal-2018, dawn il-projezzjonijiet huma konsiderevolment aktar baxxi mill-ħarifa li għaddiet u daqsxejn aktar baxxi mit-tbassir interim tax-xitwa*".

